MALTA

ATT Nru. XII ta' l-2003

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jirregola l-Prattika ta' Professjonijiet dwar il-Kura Medika f'Malta.

ACT No. XII of 2003

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to regulate the Practice of Health Care Professions in Malta.

ATT TA' L-2003 DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA

TAQSIM TA' L-ATT

		Artikolu
Taqsima I	Preliminari	1 - 6
Taqsima II	Tobba u Kirurgi dentali	7 - 12
Taqsima III	Spiżjara u *Pharmacy Technicians*	13 - 18
Taqsima IV	Infermieri u Qwiebel	19 - 24
Taqsima V	Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina	25 - 28
Taqsima VI	Speċjalisti	29 - 30
Taqsima VII	Azzjoni Dixxiplinari, Reati u Tħassir ta' Ismijiet	31 - 41
Taqsima VIII	Reġistrazzjoni ta' Ċittadini ta' Stati Membri	42 - 44
Taqsima IX	Disposizzjonijiet Mixxellanji	45 - 51
Taqsima X	Tħassir, Riserva u Disposizzjonijiet oħra	52 - 54

SKEDI

L-Ewwel Skeda	Regoli ta' Proċedura u regoli oħra dwar Kunsilli u Kumitati għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti
It-Tieni Skeda	Kwalifiki Rikonoxxuti
It-Tielet Skeda	Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina
Ir-Raba' Skeda	Assoċjazzjonijiet Professjonali
Il-Ħames Skeda	Reġistri dwar l-Ispeċjalisti

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) GUIDO DE MARCO
President

17 ta' Ottubru, 2003

ATT Nru. XII ta' l-2003

ATT biex jirregola l-Prattika ta' Professjonijiet dwar il-Kura Medika f'Malta.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

TAQSIMA I

PRELIMINARI

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att ta' l-2003 dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

(2) Dan l-Att jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għas-saħħa jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal għanijiet differenti u għal disposizzjonijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti" tfisser kumitat stabbilit skond l-artikolu 30;

"Kunsill Mediku" tfisser il-Kunsill imwaqqaf bl-artikolu 9;

"Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel" tfisser il-Kunsill imwaqqaf bl-artikolu 21;

"Kunsill ta' l-Ispiżjara" tfisser il-Kunsill imwaqqaf bl-artikolu 15;

"Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina" tfisser il-Kunsill imwaqqaf bl-artikolu 26;

"Kunsill rilevanti" tfisser:

(a) fir-rigward ta' tobba u kirurgi dentali, il-Kunsill Mediku;

(b) fir-rigward ta' spiżjara u *pharmacy technicians*, il-Kunsill ta' l-Ispiżjara;

(ċ) fir-rigward ta' infermieri u qwiebel, il-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel; u

(d) fir-rigward tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina, il-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina;

"mġieba tajba" tfisser mġieba approvata mill-Kunsill rilevanti;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għas-saħħa;

"prattika professjonali" għar-rigward ta' professjonist fil-kura medika tfisser li wieħed jibda, jew li jkun jeżerċita l-professjoni rispettiva tiegħu u tinkludi l-għoti ta' servizzi;

"preskritt" tfisser stipulat b'regolamenti skond d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

"professjoni tal-kura medika" tfisser professjoni regolata b'dan l-Att;

"professjonist fil-kura medika" tfisser persuna li tkun awtorizzata tezerċita professjoni tal-kura medika skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

"professjonist komplimentari għall-mediċina" tfisser professjonist fil-kura medika li jkollu ismu mniżżel fir-Reġistri ta' Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina msemmija fl-artikolu 28;

"professjonist legali" tfisser persuna li tkun ezerċitat bħala

avukat f'Malta għal perjodu, jew perjodi li b'kollox jammontaw, għal mhux inqas minn seba' snin;

"speċjalista" tfisser professjonist fil-kura medika li jkollu ismu mniżżel fit-taqsima adatta tar-reġistru ta' l-ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill rilevanti skond dan l-Att;

"*standards* professjonali u etiċi" tinkludi *standards* li għandhom x'jaqsmu ma' l-imġieba ġenerali ta' membru ta' xi professjoni tal-kura medika, inkluża l-imġieba ta' tali membru lejn il-klijent tiegħu jew il-pazjent taħt il-kura tiegħu jew li huwa jkun qed jara, matul jew konsegwenzjali għall-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu, u l-imġieba ta' tali membru lejn membri oħra tal-professjoni tiegħu u lejn membri ta' professjonijiet tal-kura medika oħra u lejn is-soċjetà;

"Stat Membru" tfisser Stat li huwa membru ta' l-Unjoni Ewropea jew dak l-Istat ieħor li l-Ministru jista' jippreskrivi;

"it-Trattat" għandha l-istess tifsira mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea;

Att V ta' l-2003.

"Unjoni Ewropea" tfisser l-Unjoni Ewropea msemmija fit-Trattat.

Prattika tal-professjoni tal-kura medika u l-użu tat-titolu ta' professjonist.

3. (1) Ħadd ma għandu jipprattika professjoni tal-kura medika kemm-il darba ma jkunx jissodisfa l-kondizzjonijiet biex jibda, u jeżerċita dik il-professjoni tal-kura medika f'Malta, skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Ħadd ma jkollu jedd juża xi titolu jew titoli ta' professjonist, skond il-każ, li jkun jikkorrispondi għal xi professjoni tal-kura medika, kemm-il darba ma jkunx jissodisfa l-kondizzjonijiet biex jibda, u jeżerċita dik il-professjoni tal-kura medika f'Malta.

(3) Professjonist fil-kura medika, li jkun ċittadin ta' Malta jew kull min ikun xort'oħra intitolat jew awtorizzat skond il-liġi biex jaħdem f'Malta, u li jkun jissodisfa l-kondizzjonijiet biex jibda, u jeżerċita l-professjoni rispettiva tiegħu f'Malta, għandu jkollu jedd juża kull titolu akkademiku leġittimu tiegħu, skond il-każ, u meta jkun adatt, kull abbrevjazzjoni relattiva skond ma tintuża fil-pajjiż ta' oriġni tiegħu jew fil-pajjiż mnejn ikun ġej, fl-ilsien ta' dak il-pajjiż:

Iżda l-Kunsill rilevanti jista' jeħtieġ li dan it-titolu akkademiku leġittimu ikun segwit mill-isem u l-post ta' l-istituzzjoni jew bord ta' l-eżamijiet li jkun ħarġu.

Prattika professjonali oħra fl-istess żmien.

4. Professjonist fil-kura medika ma jkunx jista' skond il-liġi jezerċita żewġ professjonijiet tal-kura medika jew aktar fl-istess żmien:

Iżda, l-Ministru jista', meta ssirlu rakkomandazzjoni tal-Kunsill jew Kunsilli rilevanti, jippreskrivi ċ-ċirkostanzi li fihom xi professjonist fil-kura medika ikun jista' jipprattika aktar minn professjoni tal-kura medika waħda fl-istess żmien.

Professjonijiet tal-kura medika soġġetti għal sorveljanza.

5. (1) Il-professjonisti fil-kura medika għandhom, fil-prattika tal-professjoni tagħhom, ikunu soġġetti għal sorveljanza speċjali mill-Kunsill rilevanti.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-Att, "sorveljanza speċjali" tfisser is-sorveljanza, mill-Kunsill rilevanti, ta' *standards* professjonali u etiċi skond ma jiġi preskritt mill-Kunsill rilevanti mwaqqaf taħt dan l-Att, fuq il-professjonist fil-kura medika rispettiva.

Proċeduri tal-Kunsilli rilevanti.

6. (1) Il-proċedura u regoli oħra li għandhom x'jaqsmu ma' Kunsilli stabbiliti fl-Ewwel Skeda għandhom jgħoddu u jiġu segwiti mill-Kunsill Mediku, mill-Kunsill ta' l-Ispiżjara, mill-Kunsill ta' l-Infermiera u Qwiebel u mill-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina, u minn kull wieħed mill-Kumitati għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti.

(2) Fejn ma hemmx provdut mod ieħor fl-Ewwel Skeda jew f'Regoli ta' Proċedura li jistgħu jiġu preskritti, kull wieħed mill-Kunsilli u l-Kumiotati msemmija fis-subartikolu (1)_jista' jirregola l-proċedura tiegħu stess.

TAQSIMA II

TOBBA U KIRURGI DENTALI

Kondizzjonijiet biex teżerċita bħala tabib.

7. (1) Ħadd ma għandu jeżerċita bħala tabib kemm-il darba ma jkollux liċenza għal dan il-għan maħruġa mill-President ta' Malta.

(2) Ħadd ma jikkwalifika biex ikollu liċenza biex jeżerċita bħala tabib kemm-il darba -

(a) ma jkunx ċittadin ta' Malta jew ta' Stat Membru jew xort'oħra intitolat jew awtorizzat skond il-liġi biex jaħdem f'Malta;

(b) ma jkunx ta' mġieba tajba; u

(ċ) ma jkollux ismu mniżżel fir-Reġistru Mediku, skond l-artikolu 11.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), persuna li tkun ikkwalifikat għall-grad ta' Duttur fil-mediċina u l-kirurġija ta' l-Università ta' Malta, jew persuna li tkun hekk meħtieġa tagħmel skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 11(1)(ċ), tkun tista' tipprattika bħala tabib u, jew kirurgu ta' istituzzjoni fi sptar tal-gvern jew f'xi sptar ieħor rikonoxxut għal dan il-għan mill-Kunsill Mediku, u fit-twettiq tad-dmirijiet lilha assenjati f'dik il-pożizzjoni dik il-persuna għandha, għall-finijiet tal-liġi, titqies li tkun tabib.

(4) Fir-rigward ta' xi persuna li tkun teżerċita l-professjoni medika kif provdut fis-subartikolu (3), il-funzjonijiet tal-Kunsill Mediku taħt l-artikolu 32 għandhom jinkludu s-setgħa li ssir xi piena li tkun tapplika għat-tobba u li jiġi ordnat li dik il-persuna m'għandhiex teżerċita l-professjoni medika ukoll bħala tabib u, jew kirurgu ta' istituzzjoni fi sptar tal-gvern jew f'xi sptar ieħor rikonoxxut mill-Kunsill Mediku għal dak il-għan, u li ismu m'għandux jitniżżel fir-Reġistru Mediku; u tkun saret xi ordni bħal dik, din għandu jkollha seħħ, għall-finijiet ta' dan l-Att, bħallikieku l-isem ta' dik il-persuna kien ġie kanċellat mill-imsemmi Reġistru.

Kondizzjonijiet biex teżerċita bħala kirurgu dentali.

8. (1) Ħadd ma għandu jeżerċita bħala kirurgu dentali kemm-il darba ma jkollux liċenza għal dan il-għan maħruġa mill-President ta' Malta.

(2) Ħadd ma jikkwalifika biex ikollu liċenza biex jeżerċita bħala kirurgu dentali kemm-il darba -

(a) ma jkunx ċittadin ta' Malta jew ta' Stat Membru jew xort'oħra intitolat jew awtorizzat skond il-liġi biex jaħdem f'Malta;

(b) ma jkunx ta' mġieba tajba; u

(ċ) ma jkollux ismu mniżżel fir-Reġistru ta' Kirurgi Dentali, msemmi fl-artikolu 12.

Il-Kunsill Mediku.

9. Ikun hemm Kunsill li jkun magħruf bħala l-Kunsill Mediku, li jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(a) President maħtur mill-Prim Ministru, minn fost professjonisti legali;

(b) tabib liċenzjat wieħed maħtur mill-Prim Ministru;

(ċ) tabib liċenzjat wieħed maħtur mill-Università ta' Malta;

(d) kirurgu dentali liċenzjat wieħed maħtur mill-Prim

Ministru;

(e) ħames tobba liċenzjati eletti minn fost u mit-tobba kollha, li mill-anqas wieħed minnhom għandu jkun speċjalista li jaħdem l-isptar u ieħor tabib tal-familja;

(f) żewġ kirurgi dentali liċenzjati eletti minn fost u mill-kirurgi dentali kollha; u

(g) żewġ persuni minn fost il-pubbliku ġenerali, li ma jkunux professjonisti fil-kura medika, maħtura mill-Prim Ministru.

Funzjonijiet ta' l-Kunsill Mediku.

10. (1) Il-funzjonijiet tal-Kunsill Mediku jkunu:

(a) li jirrakkomanda lill-President ta' Malta l-għoti ta' liċenzi lil tobba u kirurgi dentali biex jeżerċitaw il-professjoni tagħhom;

(b) li jirrakkomanda lill-President ta' Malta li jiġu rtirati liċenzi għar-rigward ta' xi tabib jew kirurgu dentali, skond it-Taqsima VII ta' dan l-Att;

(ċ) li jżomm, jippubblika u jaġġorna reġistri dwar il-professjonijiet mediċi u dentali, u reġistri dwar speċjalisti tal-professjonijiet mediċi u dentali kif jista' jkun preskritt;

(d) li jippreskrivi u jżomm *standards* professjonali u etiċi għall-professjonijiet mediċi u dentali;

(e) li jiġbor dawk id-drittijiet, mingħand it-tobba u kirurgi dentali reġistrati taħtu, għar-reġistrazzjoni tal-bidu u d-drittijiet għat-tiġdid ta' kull sena wara dan, skond ma jista' jiġi preskritt f'konsultazzjoni ma' dawk l-assoċjazzjonijiet li jkunu jirrappreżentaw l-maġġoranza ta' tobba u kirurgi dentali rispettivament, u kull korp ieħor li l-Kunsill iqis li jkun adattat;

(f) fuq talba tal-Ministru, jew mod ieħor, li jagħti parir lill-Ministru dwar kull ħaġa li tkun tolqot l-professjonijiet mediċi u dentali;

(g) li jwettaq kull funzjoni oħra li tista' tiġi lilu assenjata b'dan l-Att jew xi liġi oħra.

(2) Il-Kunsill Mediku jista' jwaqqaf kumitati biex ikunu enforzati *standards* ta' professjoni u ta' etika li huma applikabbli għall-professjonijiet tal-kura medika regolati minnu u b'mod ġenerali għall-aħjar twettieq tal-funzjonijiet tiegħu.

(3) Suġġett għal kull regola li tista' ssir dwaru mill-Kunsill Mediku jew għal kull regola li tista' tkun preskritta, kull kumitat stabbilit bis-subartikolu (2) jista' jirregola l-proċedura tiegħu stess.

(4) Il-Kunsill Mediku għandu jippubblika rapport ta' attività annwali, mhux iżjed tard minn tmiem l-ewwel tliet xhur tas-sena wara li tispiċċa s-sena li dwarha jsir r-rapport, li jkun fih dikjarazzjoni ta' l-attivitajiet mwettqa jew magħmulin mill-Kunsill matul is-sena.

Reġistru Mediku.

11. (1) Il-Kunsill Mediku għandu jżomm reġistru, f'dan l-Att, msejjaħ "ir-Reġistru Mediku", li fih, wara li ssir applikazzjoni għaldaqstant mill-persuna involuta, għandu jitniżżel l-isem ta' kull ċittadin ta' Malta, jew ta' Stat Membru, li jkollu -

(a) il-grad ta' Duttur fil-Mediċina u Kirurġija mill-Università ta' Malta:

Iżda il-Kunsill Mediku m'għandux iniżżel dak l-isem kemm-il darba l-applikant, meta jikkwalifika għal dak il-grad, ma jkunx serva bħala tabib u, jew kirurgu ta' istituzzjoni fi sptar tal-gvern jew f'xi sptar ieħor rikonoxxut għal dak il-għan mill-Kunsill Mediku għal perjodu ta' sena jew sentejn hekk kif il-Ministru jista' jippreskrivi; jew

(b) xi waħda mill-kwalifiki elenkati fit-Taqsima I tat-Tieni Skeda; jew

(ċ) xi kwalifika, miksuba minn xi università oħra, kulleġġ jew skola medika rikonoxxuti għal dak il-għan mill-Kunsill Mediku:

Iżda l-Kunsill Mediku jista', dwar dik il-kwalifika, jeħtieġ lill-applikant jagħmel u jgħaddi minn eżami ta' profiċjenza professjonali u lingwistika, u jista' wkoll jeħtieġlu jservi bħala tabib u, jew kirurgu ta' istituzzjoni fi sptar rikonoxxut għal dak il-għan mill-Kunsill Mediku, għal dak il-perjodu, li ma għandux ikun iżjed minn sentejn, li l-Ministru jista' jippreskrivi, u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 7(3) u (4) għandhom jgħoddu għal persuna meħtieġa bis-saħħa ta' dan il-proviso biex isservi bħala tabib jew kirurgu bħallikieku dik il-persuna kienet il-persuna msemmija f'dawk is-subartikoli.

(2) Il-Kunsill Mediku għandu jżomm reġistru li fih, wara applikazzjoni għal dan mill-persuna konċernata, għandu jitniżżel, għal perjodu ta' mhux iżjed minn sentejn u bla ħsara għal xi kondizzjoni li l-Kunsill Mediku jista' jqis li tkun meħtieġa, l-isem ta' kull persuna, li ma tkunx ċittadin ta' Malta jew ċittadin ta' Stat Membru, li jkollha l-grad ta' Duttur fil-Mediċina u Kirurġija ta' l-

Università ta' Malta jew xi kwalifika elenkata fit-Taqsima I tat-Tieni Skeda jew xi kwalifika oħra rikonoxxuta għal dan il-għan mill-Kunsill Mediku.

(3) Il-Kunsill Mediku għandu jżomm elenku ta' reġistrazzjoni provviżorja li fih għandu jitniżżel, meta ssir applikazzjoni għaldaqstant mill-persuna involuta, l-isem ta' kull persuna li jkollha l-grad ta' Duttur fil-Mediċina u Kirurġija mill-Università ta' Malta jew xi kwalifika rikonoxxuta mill-Kunsill Mediku miksuba minn xi università oħra, kulleġġ jew kunsill mediku, u li tkun qed isservi bħala tabib u, jew kirurgu ta' istituzzjoni fi sptar rikonoxxut mill-Kunsill Mediku skond dan l-Att.

Reġistru ta' Kirurgi Dentali.

12. (1) Il-Kunsill Mediku għandu jżomm reġistru, f'dan l-Att imsejjaħ "ir-Reġistru ta' Kirurgi Dentali", li fih, wara li ssir applikazzjoni għaldaqstant mill-persuna involuta, għandu jitniżżel l-isem ta' kull ċittadin ta' Malta, jew ta' Stat Membru li jkollu -

(a) grad fil-Kirurġija Dentali mill-Università ta' Malta, jew;

(b) xi kwalifika minn dawk elenkati fit-Taqsima II tat-Tieni Skeda; jew;

(ċ) kwalifika, miksuba minn xi università oħra, kulleġġ jew skola medika rikonoxxuti għal dan il-għan mill-Kunsill Mediku:

Iżda l-Kunsill Mediku jista', għar-rigward ta' dik il-kwalifika, jeħtieġ lill-applikant jagħmel u jgħaddi minn eżami ta' profiċjenza professjonali u lingwistika.

(2) Il-Kunsill Mediku għandu jżomm reġistru li fih, wara applikazzjoni għal dan mill-persuna konċernata, għandu jitniżżel, għal perjodu ta' mhux iżjed minn sentejn u bla ħsara għal xi kondizzjoni li l-Kunsill Mediku jista' jqis li tkun meħtieġa, l-isem ta' kull persuna, li ma tkunx ċittadin ta' Malta jew ċittadin ta' Stat Membru, li jkollha l-grad fil-Kirurġija Dentali ta' l-Università ta' Malta jew xi kwalifika minn dawk elenkati fit-Taqsima II tat-Tieni Skeda jew xi kwalifika oħra rikonoxxuta mill-Kunsill Mediku għal dak il-għan.

TAQSIMA III

SPIŻJARA U *PHARMACY TECHNICIANS*

Kondizzjonijiet biex teżerċita bħala spiżjar.

13. Ħadd ma għandu jeżerċita l-professjoni ta' spiżjar kemm-il darba ma jkollux liċenza għal dan il-għan maħruġa mill-President ta'

Malta.

(2) Ħadd ma jikkwalifika biex ikollu liċenza biex jeżerċita bħala spiżjar kemm-il darba -

(a) ma jkunx ċittadin ta' Malta, jew ta' Stat Membru jew xort'oħra intitolat jew awtorizzat skond il-liġi biex jaħdem f'Malta;

(b) ma jkunx ta' mġieba tajba;

(ċ) ma jkollux ismu mniżżel fir-Reġistru ta' l-Ispiżjara msemmi fl-artikolu 17.

Kondizzjonijiet biex teżerċita bħala *Pharmacy Technician*.

14. Ħadd ma għandu jeżerċita bħala *pharmacy technician* kemm-il darba:

(a) ma jkunx ċittadin ta' Malta, jew ta' Stat Membru jew xort'oħra intitolat jew awtorizzat skond il-liġi biex jaħdem f'Malta;

(b) ma jkunx ta' mġieba tajba;

(ċ) ma jkollux ismu mniżżel fir-Reġistru tal-*Pharmacy Technicians*, imsemmi fl-artikolu 18.

Il-Kunsill ta' l-Ispiżjara.

15. Ikun hemm Kunsill li jkun magħruf bħala l-Kunsill ta' l-Ispiżjara, u li jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(a) President maħtur mill-Prim Ministru, minn fost professjonisti legali;

(b) spiżjar liċenzjat wieħed maħtur mill-Prim Ministru;

(ċ) spiżjar liċenzjat wieħed maħtur mill-Università ta' Malta;

(d) ħames spiżjara liċenzjati eletti minn fost u mill-ispiżjara liċenzjati kollha;

(e) *pharmacy technician* reġistrat wieħed elett minn fost il-*pharmacy technicians* reġistrati kollha;

(f) żewġ persuni minn fost il-pubbliku ġenerali, li ma jkunux professjonisti fil-kura medika, maħtura mill-Prim Ministru:

Iżda meta l-Kunsill ta' l-Ispiżjara jkun qed jiddiskuti dwar il-*pharmacy technician,* għandu jkun hemm ukoll fil-Kunsill ta' l-

Ispiżjara żewġ *pharmacy technicians* oħra, wieħed minnhom elett minn fost u mill-*pharmacy technicians* kollha u ieħor maħtur mill-Prim Ministru.

Funzjonijiet tal-Kunsill ta' l-Ispiżjara.

16. (1) Il-funzjonijiet tal-Kunsill ta' l-Ispiżjara jkunu:

(a) li jirrakkomanda lill-President ta' Malta l-għoti ta' liċenzi lil spiżjara biex jeżerċitaw il-professjoni tagħhom;

(b) li jirrakkomanda lill-President ta' Malta li jiġu rtirati liċenzi għar-rigward ta' xi spiżjar skond l-artikolu 38;

(ċ) li jżomm, jippubblika u jaġġorna reġistri dwar il-professjoni ta' spiżjar, u reġistri speċjalisti dwar il-professjoni ta' spiżjar kif jista' jiġi preskritt, kif ukoll reġistri għal oqsma speċjali tal-prattika professjonali, kif jista' jiġi stabbilit mill-Kunsill ta' l-Ispiżjara;

(d) li jippreskrivi u jżomm *standards* professjonali u etiċi dwar spiżjara u *pharmacy technicians*;

(e) li jiġbor dawk id-drittijiet, mingħand l-ispiżjara reġistrati u *pharmacy technicians*, għar-reġistrazzjoni tal-bidu u d-drittijiet għat-tiġdid ta' kull sena minn hemm 'il quddiem, skond ma jista' jiġi preskritt f'konsultazzjoni ma' dawk l-assoċjazzjonijiet adatti;

(f) fuq talba tal-Ministru jew mod ieħor, li jagħti parir lill-Ministru dwar kull ħaġa li tkun tolqot il-professjoni ta' spiżjar.

(2) Il-Kunsill ta' l-Ispiżjara jista' jistabbilixxi kumitati għall-finijiet ta' infurzar ta' *standards* professjonali u etiċi li jkunu japplikaw għal spiżjara u *pharmacy technicians*, u b'mod ġenerali għall-aħjar twettieq tal-funzjonijiet tiegħu.

(3) Suġġett għal kull regola li tista' ssir dwaru mill-Kunsill ta' l-Ispiżjara jew għal kull regola li tista' tkun preskritta, kull kumitat stabbilit bis-subartikolu (2) jista' jirregola l-proċedura tiegħu stess.

(4) Il-Kunsill ta' l-Ispiżjara għandu jippubblika rapport ta' attività annwali, mhux iżjed tard minn tmiem l-ewwel tliet xhur tas-sena li dwarha jsir ir-rapport, li jkun fih dikjarazzjoni ta' l-attivitajiet mwettqa jew magħmulin mill-Kunsill matul is-sena.

Reġistru ta' l-Ispiżjara.

17. (1) Il-Kunsill ta' l-Ispiżjara għandu jżomm reġistru, f'dan l-Att imsejjaħ "ir-Reġistru ta' l-Ispiżjara" li fih, wara li ssir applikazzjoni għaldaqstant mill-persuna involuta, għandu jitniżżel l-

isem ta' kull ċittadin ta' Malta, jew ta' Stat Membru li jkollu -

(a) grad fil-farmaċija mill-Università ta' Malta; jew

(b) kwalifika elenkata fit-Taqsima III tat-Tieni Skeda; jew

(ċ) kwalifika fil-farmaċija, miksuba minn xi università oħra, kulleġġ jew skola rikonoxxuta mill-Kunsill ta' l-Ispiżjara għal dak il-għan:

Iżda l-Kunsill ta' l-Ispiżjara jista', għall-finijiet ta' din il-kwalifika, jeħtieġ li l-applikant jagħmel u jgħaddi minn eżami ta' profiċjenza professjonali u lingwistika u jista' wkoll jeħtieġ li l-applikant jagħmel taħriġ ulterjuri fil-farmaċija f'istituzzjoni farmaċewtika rikonoxxuta mill-imsemmi Kunsill skond dan l-Att.

(2) Il-Kunsill ta' l-Ispiżjara għandu, wara applikazzjoni għal hekk mill-persuna konċernata, jżomm reġistru li fih, għal perjodu ta' mhux iżjed minn sentejn u bla ħsara għal xi kondizzjoni li l-Kunsill ta' l-Ispiżjara jista' jqis li tkun meħtieġa, jitniżżel l-isem ta' kull persuna, li ma tkunx ċittadin ta' Malta jew ċittadin ta' Stat Membru, li jkollu l-grad fil-farmaċija ta' l-Università ta' Malta jew kwalifika elenkata fit-Taqsima III tat-Tieni Skeda jew xi kwalifika oħra rikonoxxuta mill-Kunsill ta' l-Ispiżjara.

Reġistru tal-*Pharmacy technicians*.

18. (1) Il-Kunsill ta' l-Ispiżjara għandu jżomm reġistru, f'dan l-Att imsejjaħ "ir-Reġistru tal-*Pharmacy Technicians*", li fih, wara li ssir applikazzjoni għaldaqstant mill-persuna involuta, jitniżżel l-isem ta' kull ċittadin ta' Malta, jew ta' Stat Membru li jkollu -

(a) dil il-kwalifika fil-prattika tal-professjoni ta' *pharmacy technician* kif jista' jkun preskritt, miksuba mill-Università ta' Malta jew minn istituzzjoni ta' taħriġ rikonoxxuta mill-Kunsill ta' l-Ispiżjara; jew

(b) kwalifika ekwivalenti miksuba minn università, kulleġġ jew istituzzjoni ta' taħriġ fi Stat Membru; jew

(ċ) xi kwalifika oħra rikonoxxuta mill-imsemmi Kunsill:

Iżda l-Kunsill ta' l-Ispiżjara jista', għall-finijiet ta' dik il-kwalifika, jeħtieġ lill-applikant jagħmel u jgħaddi minn eżami ta' profiċjenza professjonali u lingwistika.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1)(b), id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kawlifiki, u kull

Kap. 451.

regolament magħmul taħt dak l-Att, għandhom jgħoddu għar-rigward ta' kwalifiki ta' edukazzjoni u taħriġ, prova ta' esperjenza professjonali, perjodu ta' adattament u test ta' ħila.

(3) Il-Kunsill ta' l-Ispiżjara għandu, wara applikazzjoni għal hekk mill-persuna konċernata, jżomm reġistru li fih, għal perjodu ta' mhux iżjed minn sentejn u bla ħsara għal xi kondizzjoni li l-Kunsill ta' l-Ispiżjara jista' jqis li tkun meħtieġa, jitniżżel l-isem ta' kull persuna, li ma tkunx ċittadin ta' Malta jew ċittadin ta' Stat Membru, li jkollu kwalifika deskritta fis-subartikolu (1)(a), (b) u (ċ).

TAQSIMA IV

INFERMIERI U QWIEBEL

Kondizzjonijiet biex teżerċita l-professjoni ta' qabla.

19. Ħadd ma għandu jeżercita l-professjoni ta' qabla kemm-il darba ma jkollux liċenza għal dan il-għan maħruġa mill-President ta' Malta.

(2) Ħadd ma jikkwalifika biex ikollu liċenza biex jeżerċita bħala qabla kemm-il darba -

(a) ma jkunx ċittadin ta' Malta, jew ta' Stat Membru jew xort'oħra intitolat jew awtorizzat skond il-liġi biex jaħdem f'Malta;

(b) ma jkunx ta' mġieba tajba;

(ċ) ma jkunx imniżżel fir-Reġistru tal-Qwiebel, imsemmi fl-artikolu 23.

Kondizzjonijiet biex teżerċita l-professjoni ta' infermier.

20. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), ħadd ma għandu jeżerċita l-professjoni ta' infermier kemm-il darba -

(a) ma jkunx ċittadin ta' Malta, jew ta' Stat Membru jew xort'oħra intitolat jew awtorizzat skond il-liġi biex jaħdem f'Malta;

(b) ma jkunx ta' mġieba tajba;

(ċ) ma jkollux ismu mniżżel f'xi taqsima tar-Reġistru ta' l-Infermieri, msemmi fl-artikolu 24.

(2) (a) Ebda infermier reġistrat fit-tieni livell ma jkun jista' jipprattika l-professjoni tiegħu kemm-il darba ma jkunx taħt is-sorveljanza ta' infermier reġistrat fl-ewwel livell jew, fin-nuqqas ta' infermier reġistrat fl-ewwel livell, taħt id-direzzjoni ta' tabib.

(b) L-ebda persuna li jkollha isimha mniżżel f'taqsima speċjali, imma mhux fit-Taqsima I tar-Reġistru ta' l-Infermieri, ma tista' teżerċita l-professjoni ta' infermier ħlief fil-qasam speċjali li għar-rigward tiegħu hi tkun reġistrata jew bħala infermier reġistrat fit-tieni livell barra mill-qasam speċjali li għar-rigward tiegħu hi tkun reġistrata.

Il-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel.

21. Ikun hemm Kunsill li jkun magħruf bħala l-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel, li jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(a) President maħtur mill-Prim Ministru, minn fost professjonisti legali;

(b) id-Direttur tas-Servizzi ta' l-Infermieri *ex officio*;

(ċ) infermier wieħed reġistrat fl-ewwel livell maħtur mill-Prim Ministru;

(d) qabla waħda liċenzjata maħtura mill-Prim Ministru;

(e) ħames infermieri reġistrati eletti minn fost u mill-infermieri kollha, li wieħed minnhom ikun infermier reġistrat fit-tieni livell u ieħor ikun infermier li jkollu ismu mniżżel f'xi taqsima speċjali tar-Reġistru ta' l-Infermieri;

(f) żewġ qwiebel liċenzjati eletti minn fost u mill-qwiebel kollha; u

(g) żewġ persuni minn fost il-pubbliku ġenerali, li mhumiex professjonisti fil-kura medika, maħtura mill-Prim Ministru.

Funzjonijiet tal-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel.

22. Il-funzjonijiet tal-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel ikunu:

(a) li jirrakkomanda lill-President ta' Malta l-għoti ta' liċenzi lill-qwiebel biex jeżerċitaw il-professjoni tagħhom;

(b) li jirrakkomanda lill-President ta' Malta li jiġu rtirati liċenzi għar-rigward ta' xi qabla skond l-artikolu 38;

(ċ) li jżomm, jippubblika u jaġġorna reġistri dwar il-professjonijiet ta' l-infermieri u qwiebel kif jista' jiġi preskritt, kif ukoll registri għal oqsma speċjali tal-prattika professjonali, kif jista' jiġi stabbilit mill-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel;

(d) li jippreskrivi u jżomm *standards* professjonali u etiċi dwar il-professjonijiet ta' infermier u qabla;

(e) li jiġbor dawk id-drittijiet, mingħand l-infermieri u

qwiebel reġistrati, għar-reġistrazzjoni tal-bidu u d-drittijiet għat-tiġdid ta' kull sena wara dan, skond ma jista' jiġi ordnat, f'konsultazzjoni ma' dawk l-assoċjazzjonijiet adatti;

(f) fuq talba tal-Ministru jew xort'oħra, li jagħti parir lill-Ministru dwar kull ħaġa li tkun tolqot lill-professjonijiet ta' infermier u qabla;

(g) li jwettaq kull funzjoni oħra li tista' tiġi assenjata lilu b'dan l-Att jew b'xi liġi oħra.

(2) Il-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel jista' jistabbilixxi kumitati għall-finijiet ta' infurzar ta' *standards* professjonali u etiċi li jkunu japplikaw għal infermieri u qwiebel u b'mod ġenerali għall-aħjar twettieq tal-funzjonijiet tiegħu.

(3) Suġġett għal kull regola li tista' ssir dwaru mill-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel jew għal kull regola li tista' tkun preskritta, kull kumitat stabbilit bis-subartikolu (2) jista' jirregola l-proċedura tiegħu stess.

(4) Il-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel għandu jippubblika rapport ta' attività annwali, mhux iżjed tard minn tmiem l-ewwel tliet xhur tas-sena li dwarha jsir ir-rapport, li jkun fih dikjarazzjoni ta' l-attivitajiet mwettqa jew magħmulin mill-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel matul is-sena.

Reġistru tal-Qwiebel.

23. (1) Il-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel għandu jżomm reġistru, f'dan l-Att imsejjaħ "ir-Reġistru tal-Qwiebel" li fih, meta ssir applikazzjoni għaldaqstant mill-persuna involuta, għandu jitniżżel l-isem ta' kull ċittadin ta' Malta, jew ta' Stat Membru, li jkollu -

(a) l-grad jew id-diploma ta' studji relattivi għall-qwiebel mill-Università ta' Malta; jew il-kwalifika ekwivalenti relattiva għall-qwiebel mogħtija mill-Iskola ta' l-Infermieri; jew

(b) kwalifika relattiva għall-qwiebel elenkata fit-Taqsima IV tat-Tieni Skeda; jew

(ċ) kwalifika relattiva għall-qwiebel, miksuba minn xi università oħra, kulleġġ jew skola relattiva għall-qwiebel rikonoxxuta mill-imsemmi Kunsill:

Iżda l-Kunsill jista', dwar dik il-kwalifika, jeħtieġ li l-applikant jagħmel u jgħaddi minn eżami ta' profiċjenza professjonali u lingwistika.

(2) Il-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel għandu, wara applikazzjoni għal hekk mill-persuna konċernata, jżomm reġistru li fih jitniżżel, għal perjodu ta' mhux iżjed minn sentejn u bla ħsara għal xi kondizzjoni li l-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel jista' jqis li tkun meħtieġa, l-isem ta' kull persuna, li ma tkunx ċittadin ta' Malta jew ċittadin ta' Stat Membru, li jkollha l-grad jew id-diploma ta' studji relattivi għall-qwiebel mogħtija mill-Università ta' Malta, jew kwalifika ekwivalenti mogħtija mill-Iskola ta' l-Infermieri jew kwalifika elenkata fit-Taqsima IV tat-Tieni Skeda jew xi kwalifika oħra rikonoxxuta mill-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel.

Reġistru ta' l-Infermieri.

24. (1) Il-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel għandu jżomm reġistru, f'dan l-Att imsejjaħ "ir-Reġistru ta' l-Infermieri", li jkun magħmul mit-taqsimiet li ġejjin:

(a) Taqsima I għar-rigward ta' infermieri reġistrati fl-ewwel livell;

(b) Taqsima II għar-rigward ta' infermieri reġistrati fit-tieni livell; u

(ċ) Taqsimiet Speċjali għar-rigward ta' infermieri mħarrġa f'oqsma speċjali differenti rikonoxxuti mill-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel.

(2) Għandu jitniżżel fit-Taqsima tar-Reġistru rispettiva, meta ssir applikazzjoni għaldaqstant mill-persuna involuta -

(a) fit-Taqsima I tar-Reġistru msemmi, l-isem ta' kull ċittadin ta' Malta, jew Stat Membru, li jkollu -

(i) l-grad jew diploma ta' infermier mogħti mill-Università ta' Malta, jew kwalifika ekwivalenti ta' infermier mogħtija mill-Iskola ta' l-Infermieri; jew

(ii) kwalifika ta' infermier kif elenkat fit-Taqsima V tat-Tieni Skeda; jew

(iii) kwalifika ta' infermier, miksuba minn xi università oħra, kulleġġ jew skola ta' l-infermieri rikonoxxuta mill-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel:

Iżda l-imsemmi Kunsill jista', dwar din il-kwalifika, jeħtieġ li dak l-applikant jagħmel u jgħaddi minn eżami ta' profiċjenza professjonali u lingwistika;

(b) fit-Taqsima II tar-Reġistru msemmi l-isem ta' kull ċittadin ta' Malta, jew Stat Membru, li -

(i) jkollu ċertifikat ta' infermier mogħti mill-Università ta' Malta, jew kwalifika ekwivalenti ta' infermier mogħtija mill-Iskola ta' l-Infermieri; jew

(ii) kwalifika ekwivalenti ta' infermier rikonoxxuta mill-imsemmi Kunsill:

Iżda l-imsemmi Kunsill jista', dwar din il-kwalifika, jeħtieġ li dak l-applikant jagħmel u jgħaddi minn eżami ta' profiċjenza professjonali u lingwistika;

(ċ) fit-Taqsimiet Speċjali rispettivi tar-Reġistru msemmi l-isem ta' kull ċittadin ta' Malta, jew Stat Membru, li jkollu -

(i) kwalifika ta' infermier f'xi qasam speċjali ta' l-infermieri mogħtija mill-Università ta' Malta jew kwalifika ekwivalenti ta' infermier mogħtija mill-Iskola ta' l-Infermieri; jew

(ii) kwalifika ekwivalenti ta' infermier, miksuba minn università, kulleġġ jew skola ta' l-infermieri fi Stat Membru; jew

(iii) kwalifika ekwivalenti ta' infermier, miksuba minn xi università oħra, kulleġġ jew skola ta' l-infermieri rikonoxxuta mill-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel:

Iżda għall-finijiet tal-paragrafu (ċ)(ii), id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kawlifiki, u kull regolament magħmul taħt dak l-Att għandhom jgħoddu għar-rigward ta' edukazzjoni u taħriġ, kwalifiki, prova ta' esperjenza professjonali, perjodu ta' adattament u test ta' ħila: Kap. 451.

Iżda wkoll, l-imsemmi Kunsill jista', dwar il-kwalifika msemmija fil-paragrafu (ċ)(iii), fejn iqis li jkun adatt, jeħtieġ li l-applikant jagħmel u jgħaddi minn eżami ta' profiċjenza professjonali u lingwistika.

(3) Il-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel għandu jżomm reġistri separati kif deskritti fis-subartikolu (2)(a), (b) u (ċ) li fihom, wara applikazzjoni għal hekk mill-persuna konċernata, għandu jitniżżel, għal perjodu ta' mhux iżjed minn sentejn u bla ħsara għal xi kondizzjoni li l-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel jista' jqis li tkun meħtieġa, l-isem ta' kull persuna, li ma tkunx ċittadin ta' Malta jew ċittadin ta' Stat Membru, li jkollha l-grad, diploma jew kwalifika

deskritta f'kull wieħed mill-paragrafi tas-subartikolu (2).

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu u ta' l-artikolu 23, "Skola ta' l-Infermieri" tfisser l-Iskola ta' l-Infermieri mwaqqfa taħt l-Ordinanza dwar Skejjel Approvati, issa mħassra.

TAQSIMA V

PROFESSJONIJIET KOMPLIMENTARI GĦALL-MEDIĊINA

Kondizzjonijiet biex biex tiġi eżerċitata Professjoni Komplimentari għall-Mediċina.

25. (1) Ħadd ma għandu jeżerċita xi professjonijiet komplimentari għall-mediċina kemm-il darba ismu ma jkunx imniżżel fir-reġistru rispettiv miżmum mill-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina, skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Ħadd ma għandu jikkwalifika biex ikun hekk reġistrat kemm-il darba -

(a) ma jkunx ċittadin ta' Malta, jew ta' Stat Membru jew xort'oħra intitolat jew awtorizzat skond il-liġi biex jaħdem f'Malta;

(b) ma jkunx ta' mġieba tajba;

(ċ) ma jkollux ismu mniżżel f'wieħed mir-reġistri tal-professjonijiet komplimentari għal mediċina msemmi fl-artikolu 28.

Il-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina.

26. (1) Ikun hemm Kunsill li jkun magħruf bħala "l-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina", li jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(a) President maħtur mill-Prim Ministru minn fost professjonisti legali;

(b) żewġ persuni minn fost il-pubbliku ġenerali, li ma jkunux professjonisti fil-kura medika, maħtura mill-Prim Ministru;

(ċ) seba' persuni eletti mill-professjonijiet regolati minn dak il-Kunsill u minn fosthom:

Iżda, kull meta jkun possibbli, l-ebda professjoni regolata mimm dak il-Kunsill ma għandha tkun rappreżentata minn aktar minn membru wieħed elett skond dan il-paragrafu;

(d) tliet persuni maħtura mill-Prim Ministru minn fost il-professjonijiet regolati mill-Kunsill:

Iżda l-ebda professjoni regolata minn dak il-Kunsill

ma għandha tkun rappreżentata minn aktar minn membru wieħed maħtur skond dan il-paragrafu, u iżda wkoll professjoni regolata mill-Kunsill m'għandhiex tkun rappreżentata minn membru maħtur skond dan il-paragrafu jekk tkun diġà rappreżentata minn membru elett skond il-paragrafu (ċ).

(2) Meta l-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina jipproponi illi tiġi diskussa materja li jkollha x'taqsam ma' xi professjoni komplimentari għall-mediċina li ma tkunx rappreżentata fil-Kunsill, wieħed miż-żewġ membri tas-sotto kumitat msemmi fis-subartikolu (4) għandu jkun preżenti fuq il-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina u jattendi u jipparteċipa għall-laqgħat meta materja relatata ma' dik il-professjoni tkun ser tiġi diskussa iżda ma jkollux dritt għal vot.

(3) Fl-ewwel laqgħa tiegħu wara li jiġi ffurmat, il-Kunsill imsemmi għandu jwaqqaf sottokumitati għal kull waħda mill-professjonijiet regolati minnu, li jiddiskutu u jiddeliberaw dwar ħwejjeġ speċifiċi relatati ma' kull waħda minn dawk il-professjonijiet u jħejju rapport u jagħtu pariri lill-Kunsill dwar dan.

(4) Kull sottokumitat imsemmi fis-subartikolu (3) ikun magħmul mill-membri li ġejjin:

(a) *Chairman* nominat mill-Kunsill minn fost il-membri tiegħu, u li jkun persuna li mhix reġistrata bħala membru tal-professjoni li dwarha jitwaqqaf is-sottokumitat partikolari; u

(b) żewġ membri nominati mill-Kunsill u li jkunu persuni li huma reġistrati bħala membri tal-professjoni li dwarha jitwaqqaf is-sottokumitat.

Funzjonijiet tal-Kunsill għal Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina.

27. (1) Il-funzjonijiet tal-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina ikunu:

(a) li jżomm, jippubblika u jaġġorna reġistri dwar il-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina; u reġistri speċjalisti dwar il-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina kif jista' jiġi preskritt, kif ukoll reġistri għal oqsma speċjali tal-prattika professjonali, kif jista' jiġi stabbilit mill-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari ghall-Mediċina;

(b) li jippreskrivi u jżomm *standards* professjonali u etiċi għall-professjonijiet komplimentari għall-mediċina;

(ċ) li jiġbor dawk id-drittijiet, mingħand il-professjonisti reġistrati għar-reġistrazzjoni tal-bidu u d-drittijiet għat-tiġdid ta' kull sena wara dan, skond ma jista' jiġi ordnat,

f'konsultazzjoni ma' dawk l-assoċjazzjonijiet kif adatt;

(d) fuq talba tal-Ministru jew xort'oħra, li jagħti parir lill-Ministru dwar kull ħaġa li tkun tolqot il-professjonijiet komplimentari għall-mediċina;

(e) li jwettaq kull funzjoni oħra li tista' tiġi assenjata lilu b'dan l-Att jew b'xi liġi oħra.

(2) Il-Kunsill ttal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina jista' jistabbilixxi kumitati għall-finijiet ta' infurzar ta' *standards* professjonali u etiċi li jkunu japplikaw għal professjonijiet regolati minnhom u b'mod ġenerali għall-aħjar twettieq tal-funzjonijiet tiegħu.

(3) Suġġett għal kull regola li tista' ssir dwaru mill-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina jew għal kull regola li tista' tkun preskritta, kull kumitat stabbilit bis-subartikolu (2) jista' jirregola l-proċedura tiegħu stess.

(4) Il-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina għandu jippubblika rapport ta' attività annwali, mhux iżjed tard minn tmiem l-ewwel tliet xhur tas-sena li dwarha jsir ir-rapport, li jkun fih dikjarazzjoni ta' l- attivitajiet mwettqa jew magħmulin mill-Kunsill al-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina matul is-sena.

Reġistri ta' Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina.

28. (1) Il-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina għandu jżomm reġistri separati, dwar kull waħda mill-professjonijiet komplimentary għall-Mediċina elenkati fit-Tielet Skeda, li jkunu magħrufa bħala r-Reġistri ta' Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina, li fihom, wara li ssir applikazzjoni għaldaqstant mill-persuna involuta, għandu jitniżżel l-isem ta' kull ċittadin ta' Malta jew ta' Stat Membru, li jkollu -

(a) dik il-kwalifika, kif jista' jiġi preskritt, miksuba mill-Università ta' Malta, jew minn istituzzjoni ta' taħriġ, jew wara li tkun għamlet kors ta' taħriġ organizzat mid-Dipartiment tas-Saħħa, fi professjoni li dwarha jinżamm Reġistru separat; jew

(b) kwalifika miksuba minn Stat Membru u rikonoxxuta skond l-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kawlifiki, jew kull regolament magħmul taħt dak l-Att; jew

Kap. 451.

(ċ) kwalifika f'dik il-professjoni miksuba minn xi università oħra, kulleġġ jew skola rikonoxxuti mill-imsemmi Kunsill:

Iżda, għall-finijiet ta' dik il-kwalifika, l-imsemmi Kunsill jista' jeħtieġ li l-persuna involuta tagħmel u tgħaddi minn eżami ta' profiċjenza professjonali u lingwistika.

(2) Il-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina għandu jżomm reġistru separat għal kull professjoni elenkata fit-Tielet Skeda, li fih, wara applikazzjoni għal dak il-għan mill-persuna konċernata, għandu jitniżżel, għal perjodu ta' mhux iżjed minn sentejn u bla ħsara għal xi kondizzjoni li l-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina jista' jqis li tkun meħtieġa, l-isem ta' kull persuna, li ma tkunx ċittadin ta' Malta jew ċittadin ta' Stat Membru, li jkollha grad, diploma jew kwalifika msemmija fis-subartikolu (1)(a), (b) u (ċ).

TAQSIMA VI

SPEĊJALISTI

Speċjalisti.

29. (1) Ħadd ma għandu jeżerċita bħala, jew jagħmilha ta', speċjalista kemm-il darba ismu ma jkunx imniżżel fir-reġistru miżmum għar-reġistrazzjoni ta' speċjalisti mill-Kunsill rilevanti.

(2) Persuna ma tkunx tista' skond il-liġi tassumi, la bil-miktub u lanqas xort'oħra, xi titolu jew tuża, jew tieħu sehem fl-użu ta' xi deskrizzjoni li tkun timplika li hija tkun speċjalista f'xi speċjalità fil-professjonijiet regolati b'dan l-Att kemm-il darba isimha ma jkunx imniżżel fir-reġistru miżmum għar-reġistrazzjoni ta' speċjalisti mill-Kunsill rilevanti.

(3) Professjonist fil-kura medika, li jkun ċittadin ta' Malta jew min xort'oħra jkun intitolat jew awtorizzat skond il-liġi biex jaħdem f'Malta, u li jkun jissodisfa l-kondizzjonijiet biex jibda, u jeżerċita xi speċjalità f'Malta, għandu jkollu jedd juża t-titolu jew titoli professjonali u akkademiċi leġittimi tiegħu, skond il-każ, u meta jkun adatt, l-abbrevjazzjonijiet tagħhom skond ma jintużaw fil-pajjiż ta' oriġni jew il-pajjiż mnejn jiġu, fl-ilsien ta' dak il-pajjiż.

(4) Kull Kunsill rilevanti għandu jżomm reġistri separati li fihom jitniżżel, wara li ssir applikazzjoni għaldaqstant mill-persuna involuta, l-isem ta' kull professjonijst fil-kura medika regolat minnu li -

(a) jkollu ċertifikat maħruġ mill-Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti għall-professjoni rilevanti, li jkun juri li jkun temm it-taħriġ speċjalista preskritt għal dik l-ispeċjalizzazzjoni kif jista' jiġi preskritt; jew

(b) jkollu xi kwalifika ta' speċjalizzazzjoni elenkata fit-

Tieni Skeda;

(ċ) jkollu xi kwalifika ta' speċjalizzazzjoni rikonoxxuta mill-Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti għall-professjoni rilevanti:

Iżda l-Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti għandu jqis bħala li għandu l-kwalifiki konċernati kull professjonijist li jkun ċittadin ta' Malta jew ta' Stat Membru, u li l-kwalifiki li jkollu fl-ispeċjalizzazzjoni ma jkunux jissodisfaw l-inqas kwalifiki preskritti, iżda li jkollu ċertifikat maħruġ mill-awtorità kompetenti fi Stat Membru li tiegħu huwa jkun ċittadin jew ta' l-Istat Membru li minnu tiġi l-persuna fejn jiġi dikjarat li dik il-persuna tkun wettqet, fil-qasam speċjalizzat tal-professjoni in kwistjoni għal perjodu ekwivalenti għal dak il-perjodu ta' taħriġ li hu preskritt għall-ispeċjalizzazzjoni.

Kumitati għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti.

30. (1) Ikun hemm Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti għal kull waħda mill-professjonijiet li ġejjin:

(a) għat-tobba;

(b) għall-kirurgi dentali;

(ċ) għall-ispiżjara;

(d) għall-infermieri u qwiebel;

(e) għall-professjonijiet komplimentari għall-mediċina.

(2) Kull Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti jkun magħmul mill-membri li ġejjin, li kull wieħed minnhom ikun reġistrat mal-Kunsill rilevanti bħala membru tal-professjoni rilevanti, kif ġej:

(a) membru wieħed maħtur mill-Kunsill rilevanti;

(b) membru wieħed, li ma jkunx membru tal-Kunsill rilevanti, maħtur mid-Dekan tal-Fakultà rilevanti jew mid-Direttur ta' l-Istitut rilevanti ta' l-Università ta' Malta;

(ċ) membru wieħed, li ma jkunx membru tal-Kunsill rilevanti, maħtur mill-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika;

(d) membru wieħed, li ma jkunx membru tal-Kunsill rilevanti, maħtur minn kull waħda mill-assoċjazzjonijiet professjonali rilevanti .

(3) Il-membri tal-Kumitat għall-Approvazzjoni dwar

Speċjalisti għandhom, kull tliet snin, jeleġġu *chairman* minn fosthom.

(4) Il-membri tal-Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti għandhom hekk jinħatru għal żmien tliet snin, u jistgħu jerġgħu jiġu maħtura għal żmien jew żminijiet ulterjuri.

(5) Jekk minħabba fir-riżenja jew għal xi raġuni oħra, xi membru ta' Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti jtemm milli jibqa' membru, ikun id-dmir tal-korp jew assoċjazzjoni li tkun ħatret dak il-membru, li taħtar membru ieħor minfloku.

(6) (a) Il-funzjonijiet ta' kull Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti jkunu:

(i) li joħroġ ċertifikati li wieħed ikun spiċċa t-taħriġ speċjalista fl-ispeċjalitajiet elenkati fit-taqsima rilevanti tal-Ħames Skeda, meta jitwettqu l-kriterji rakkomandati mill-assoċjazzjoniet professjonali rilevanti elenkati fir-Raba' Skeda;

(ii) li jagħti parir lill-Ministru u lill-Kunsill rilevanti fuq materji li jirrigwardaw taħriġ speċjalista u reġistrazzjoni, u kull ħaġ'oħra li tista' tiġi lilu riferita;

(iii) li jaġixxi bħala l-korp li jagħti pariri dwar it-taħriġ f'xi oqsma speċjali tal-prattika professjonali;

(iv) li jakkredita programmi ta' taħriġ wara l-gradwazzjoni;

(v) li jiġbor dawk id-drittijiet għall-approvazzjoni, skond ma jista' jiġi preskritt.

(b) Kull Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti għandu jippubblika rapport annwali, mhux iżjed tard minn tmiem l-ewwel tliet xhur tas-sena li dwarha jsir ir-rapport, li jkun fih dikjarazzjoni dwar l-attivitajiet mwettqa jew magħmulin mill-Kumitat matul is-sena.

(7) Meta persuna li tkun ċittadin ta' Stat Membru, li tkun tixtieq tikseb kwalifika ta' speċjalista, tkun meħtieġa li twettaq dawk il-kondizzjonijiet ta' taħriġ li jistgħu jkunu preskritti, il-Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti rilevanti għandu jqis, għalkollox jew f'parti, l-perjodi ta' taħriġ li jkunu saru minn dik il-persuna u verifikati bi kwalifika mogħtija mill-istat li tiegħu dik il-persuna tkun ċittadin, kif ukoll kull esperjenza professjonali, taħriġ addizzjonali u edukazzjoni progressiva li dik il-persuna jkollha.

(8) Il-Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti

għandhom jirregolaw il-proċedura tagħhon innifishom.

(9) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu -

(a) "assoċjazzjoni professjonali rilevanti" tfisser assoċjazzjoni li hi rikonoxxuta mill-Ministru bħala li tissodisfa l-ħtiġiet tat-Taqsima I tar-Raba' Skeda;

(b) "speċjalizzazzjoni" tfisser dik l-ispeċjalizzazzjoni kif elenkata fil-Ħames Skeda, jew kif jista' jkun preskritt.

TAQSIMA VII

AZZJONI DIXXIPLINARI, REATI U TĦASSIR TA' ISMIJIET

Azzjoni dixxiplinari mill-Kunsill rilevanti.

31. (1) Il-Kunsill rilevanti jkollu s-setgħa, kemm wara ilment minn xi persuna jew minn jeddu, li jinvestiga kull allegazzjoni ta' mġieba ħażina professjonali jew ksur ta' etika minn professjonist fil-kura medika taħt is-sorveljanza tiegħu.

(2) Kull inkjesta skond is-subartikolu (1) fl-imġieba ħażina jew xi nuqqas ieħor skond l-artikolu 32(1)(b) u (ċ) hi preskritta meta jiskadu sentejn li jibdew mill-ġurnata minn meta l-kwerelant jew il-kwerelanti jsiru jafu jew imisshom isiru jafu bil-fatti jew inċidenti li jagħtu lok għall-ilment u f'kull każ meta jiskadu għaxar snin mill-ġurnata meta jkun sar il-fatt jew inċident allegat.

(3) Il-perjodu ta' limitazzjoni msemmi fis-subartikolu (2) jista' jitwaqqaf b'kull att tal-proċedimenti ta' l-inkjesta li jiġi notifikat lill-parti li tkun qed tiġi investiga.

(4) Għall-finijiet tad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, l-Kunsill rilevanti għandu jtemm l-inkjesta fi żmien sentejn mill-ġurnata li xi att tal-proċedimenti ta' l-inkjesta jiġi notifikat lill-parti akkużata dwar il-fatt jew l-inċident li jkun qiegħed jiġi mixli bih, ħlief meta d-dewmien iseħħ mingħajr ebda ħtija tal-Kunsill rilevanti.

(5) Għall-finijiet tad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, "kwerelant" tinkludi kull persuna li tagħmel ilment lil Kunsill rilevanti wkoll jekk dik il-persuna ma tkunx il-parti aggravata.

Thassir mir-reġistri mill-Kunsilli minħabba f'sejbien ta' ħtija jew mġieba mhux xierqa.

32. (1) Jekk wara li tkun saret inkjesta kif imiss jirriżulta lill-Kunsill rilevanti li professjonist fil-kura medika li jaqa' taħt l-awtorità tiegħu -

(a) jkun insab ħati minn xi qorti f'Malta ta' xi delitt li jkollu piena ta' priġunerija għal żmien li jeċċedi sena jew ta' xi delitti minn dawk imsemmija fl-artikoli 198 sa 205 jew fl-artikoli 206 sa 209 tal-Kodiċi Kriminali; jew

Kap. 9.

(b) kien ħati ta' mġieba ħażina professjonali jew etika f'xi rigward' jew

(ċ) b'xi mod ieħor ikun naqas milli jottempera ruħu ma' *standards* professjonali u etiċi li jkunu japplikaw għalih,

għaldaqstant il-Kunsill rilevanti jista' jordna xi waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin, jiġifieri:

(i) ismu jiġi kanċellat mir-reġistru adatt u, fejn xieraq, jirrakkomanda lill-President ta' Malta li l-liċenza ta' dak il-professjonist tiġi rtirata; jew

(ii) ismu jitneħħa minn dak ir-reġistru għal dak il-perjodu ta' żmien li l-Kunsill rilevanti jista' jistabbilixxi u, fejn xieraq, jirrakkomanda lill-President ta' Malta li l-liċenza ta' dak il-professjonist tkun bl-istess mod sospiża; jew

(iii) tiġi imposta penali, li ma tkunx ogħla minn dak l-ammont li jkun preskritt, fuq il-professjonist fil-kura medika involut; jew

(iv) il-professjonist fil-kura medika involut jiġi mwiddeb; jew

(v) jordna li l-professjonist fil-kura medika jgħaddi minn dak il-perjodu ta' taħriġ jew prattika fil-professjoni taħt sorveljanza għal dak il-perjodu li l-Kunsill rilevanti jista' jiddeċiedi.

(2) Liċenza maħruġa mill-President ta' Malta biex tiġi eżerċitata professjoni fil-kura medika titqies li tkun sospiża għal dak il-perjodu li matulu l-isem tal-persuna reġistrata jkun kanċellat mir-reġistru.

Riserva dwar proċedimenti taħt liġijiet oħra.

33. Kull inkjesta li ssir minn Kunsill rilevanti għandha tkun mingħajr preġudizzju għal xi proċedimenti kriminali, ċivili, amministrattivi jew dixxiplnari oħra li jistgħu jittieħdu kontra l-

persuna involuta taħt id-disposizzjonijiet ta' xi liġi oħra.

Radd lura ta' ismijiet fir-reġistru.

34. Meta l-isem ta' professjonist fil-kura medika jkun ġie kanċellat mir-reġistru, il-Kunsill rilevanti jista', jekk jidhirlu li jkun hekk xieraq, f'kull żmien, jew wara applikazzjoni għal hekk mill-persuna involuta jew minn jeddu, jordna li dak l-isem jista' jintradd lura fir-reġistru adatt:

Iżda applikazzjoni għar-radd lura ta' isem f'xi reġistru m'għandhiex issir lill-Kunsill rilevanti -

(a) qabel l-iskadenza ta' ħdax-il xahar mill-ġurnata tat-tħassir, jew

(b) fi żmien ħdax-il xahar wara li tkun saret applikazzjoni bħal dik.

Reġistrazzjoni frawdolenti u mhux korretta.

35. Jekk Kunsill rilevanti jkun sodisfatt li xi kitba f'xi reġistru miżmum minnu taħt dan l-Att tkun saret b'mod frawdolenti jew mhux korrett, hu jista', b'ordni bil-miktub, jordna li dik il-kitba tiġi kanċellata minn dak ir-reġistru, u meta r-reġistrazzjoni tkun saret b'mod frawdolenti, jista' jordna li l-ebda applikazzjoni minn persuna bħal dik biex ikollha isimha imniżżel fir-reġistru ma tiġi aċċettata qabel dak iż-żmien li l-Kunsill jista' jiddeċiedi.

Avviż ta' deċiżjoni tal-Kunsill u appell minnu.

36. (1) Meta skond l-artikolu 32 jew l-artikolu 38 Kunsill rilevanti jistabbilixxi li isem xi persuna għandu jkun kanċellat mir-reġistru adatt, ir-reġistratur tal-Kunsill rispettiv għandu, fi żmien erbatax-il jum mill-ġurnata meta tittieħed id-deċiżjoni mill-Kunsill rispettiv, jinnotifika lill-persuna li isimha għandu jiġi kanċellat b'avviż tad-deċiżjoni tal-Kunsill, u għandu, fi żmien dak il-perjodu ta' wieħed u għoxrin ġurnata, ukoll jagħti avviż ta' dan lill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru.

(2) Id-deċiżjoni tal-Kunsill rilevanti għandha tibda' sseħħ biss meta jgħaddi t-terminu preskritt fis-subartikolu (4) għal appell jekk ma jsirx appell, jew suġġett għal dawk il-modifiki, jekk ikun hemm fl-appell, wara li l-appell jiġi deċiż.

(3) (a) Kull avviż li jkun meħtieġ li jiġi notifikat skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) jista' jiġi notifikat b'ittra reġistrata indirizzata lill-persuna li għandha tiġi notifikata fl-indirizz tagħha skond ma jidher fir-reġistru adatt jew fl-aħħar indirizz tagħha magħruf, u, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, dan għandu jitqies li jkun ġie notifikat mhux iżjed tard mit-tielet ġurnata li tiġi wara l-ġurnata meta jkun ġie impustat, u meta tinġieb prova dwar in-notifika jkun biżżejjed li tinġieb prova li l-avviż kien indirizzat u impustat kif imiss u l-ittra ġiet riċevuta.

(b) Fin-nuqqas ta' notifika b'ittra reġistrata kif provdut fil-paragrafu (a), in-notifika tista' ssir:

(i) personalment mir-reġistratur tal-Kunsill rilevanti billi tingħata lill-persuna involuta; jew

(ii) permezz ta' ittra uffiċjali; jew

(iii) fin-nuqqas ta' (i) jew (ii), bil-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fil-Gazzetta.

(4) F'kull żmien matul wieħed u għoxrin ġurnata min-notifika ta' avviż il-persuna li tkun ġiet notifikata bih tista' tappella quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

(5) Il-Bord tar-Regoli mwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel regoli li jkunu jirrigwardaw appelli taħt dan l-artikolu u jippreskrivi d-drittijiet li għandhom jitħallsu meta jsiru dawk l-appelli. Kap. 12.

(6) Il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista, wara konsultazzjoni mal-Ministru, jippreskrivi d-drittijiet li għandhom jiġu mitluba mir-reġistratur tal-qorti dwar dawn l-appelli.

(7) Il-President tal-Kunsill rispettiv għandu jkun l-intimat f'appell li jsir taħt dan l-artikolu biex jirrappreżenta lill-Kunsill.

(8) L-ispejjeż jew id-drittijiet kollha li jitħallsu mill-President tal-Kunsill f'konnessjoni ma' xi appell taħt dan l-artikolu għandhom jitħallsu mill-Gvern bl-istess mod bħalma jitħallsu l-ispejjeż jew id-drittijiet li l-Gvern iħallas meta jkun parti f'xi kawża.

37. (1) Il-President ta' Kunsill rilevanti fi proċedimenti taħt l-artikoli 31, 34, 35, u 38 jkollu s-setgħa jħarrek lil persuna biex tidher quddiem il-Kunsill relattiv bħala xhud biex jixhed bil-ġurament u jġib miegħu dokumenti u għal dawn il-finijiet jkollhom kull setgħa mogħtija bil-liġi lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili. Taħrik ta' xhieda.

(2) Kull taħrika għandha tkun iffirmata mill-President tal-Kunsill relattiv, u tista' tiġi notifikata jew personalment jew pemezz tal-posta reġistrata, u f'dan l-aħħar każ imsemmi, sabiex tingħata prova li tkun saret in-notifika, jkun biżżejjed li jiġi pruvat li t-taħrika kienet indirizzata u impustata kif imiss.

(3) Il-ġurament imsemmi fis-subartikolu (1) għandu jingħata mill-President tal-Kunsill relattiv, jew fin-nuqqas tiegħu, minn min ikun qed jagħmilha ta' *Chairman*.

(4) Kunsill rilevanti jista' jaħtar esperti biex jassistuh fil-funzjonijiet tiegħu.

Tħassir minn reġistru jew elenku ta' reġistrazzjoni provviżorja minħabba f'inkapaċità.

38. (1) Jekk wara investigazzjoni kif imiss, Kunsill rilevanti jsib li xi professjonist fil-kura medika ma jkunx kapaċi ikompli jeżerċita l-professjoni tiegħu minħabba f'xi inkapaċità fiżika jew mentali, il-Kunsill rispettiv għandu jordna li ismu jiġi kanċellat mir-reġistru adatt.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), professjonist fil-kura medika jista' jagħmel talba lill-Kunsill rilevanti biex ikollu ismu kanċellat mir-reġistru xieraq minħabba f'xi inkapaċità fiżika jew mentali.

(3) Kull professjonist fil-kura medika li jkollu ismu kanċellat mir-reġistru adatt skond is-subartikoli (1) u (2) jista', f'kull żmien, jitlob li jkollu ismu mdaħħal mill-ġdid fir-reġistru xieraq.

(4) Għall-fini tas-subartikolu (3), il-Kunsill rilevanti għandu, jekk wara investigazzjoni kif imiss ikun sodisfatt li l-professjonist fil-kura medika involut ma jkunx għadu mhux kapaċi jkompli jeżerċita l-professjoni tiegħu, b'seħħ minnufih jdaħħal mill-ġdid lil dak il-professjonist fil-kura medika.

Pieni għal ċerti reati.

39. Kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3(1) jew (2) jew l-artikolu 29(1) jew (2) tkun ħatja ta' reat u tista' teħel -

(a) meta tinsab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux inqas minn elf lira, u

(b) meta tinsab ħatja għat-tieni darba jew aktar drabi, għal priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux aktar minn tmintax-il xahar jew multa ta' mhux inqas minn elf lira, jew sew dik il-multa kemm dik il-priġunerija flimkien.

Reat aktar gravi. Kap. 9.

40. Meta il-fatti li jikkostitwixxu r-reat ikunu reat aktar gravi taħt il-Kodiċi Kriminali jew xi oħra liġi, għandhom ikunu japplikaw id-disposizzjonijiet ta' dak il-Kodiċi jew liġi oħra għar-rigward ta' dak ir-reat.

Proċedimenti separati.

41. Il-proċedimenti li jittieħdu minn Kunsilli rilevanti taħt dan l-Att huma mingħajr preġudizzju għat-teħid ta' azzjoni kriminali dwar l-istess fatti kontra l-persuna mixlija, u l-azzjoni kriminali dwar dawk il-fatti ma tkunx ta' ostakolu għat-teħid ta' azzjoni dixxiplinari mill-Kunsill rilevanti.

TAQSIMA VIII

REĠISTRAZZJONI TA' ĊITTADINI TA' STATI MEMBRI

Talba għal reġistrazzjoni.

42. (1) Kull meta l-Kunsill rilevanti jirċievi applikazzjoni mingħand ċittadin ta' Stat Membru li jkun ikkwalifikat biex jikseb liċenza biex jeżerċita professjoni tal-kura medika, fl-Istat Membru li tigħu jkun ċittadin jew fl-Istat Membru li minnu tiġi l-persuna, sabiex ikollu ismu mniżżel f'xi wieħed mir-reġistri miżmuma mill-Kunsill rilevanti, il-Kunsill rilevanti għandu jiddeċiedi dwar dan mhux iżjed tard minn tliet xhur mill-ġurnata li jirċievi t-talba jew mill-ġurnata meta tiġi ppreżentata xi dokumentazzjoni li tkun turi xi kriterji għar-reġistrazzjoni u xi dokumentazzjoni oħra li l-Kunsill rilevanti jista' jeħtieġ skond dan l-Att tkun sottomessa, skond liema jkun l-iktar tard, u għandu minnufih jgħarraf lill-applikant bil-posta reġistrata dwar id-deċiżjoni tiegħu:

Iżda fil-każ ta' dokumenti li jkunu ta' prova dwar imġieba tajba, jkun biżżejjed li jiġu prodotti dokumenti skond ma jistgħu jinħarġu fil-pajjiż ta' oriġni ta' l-applikant.

(2) Konformement mad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, l-Kunsill rilevanti għandu, fi-każ li tiġi miċħuda r-reġistrazzjoni, jagħti deċiżjoni motivata.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 49 li jirrigwardaw appell minn deċiżjoni ta' Kunsill għar-rigward ta' reġistrazzjoni ta' professjonist fil-kura medika għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis*.

(4) Professjonisti fil-kura medika li huma ċittadini ta' Stat Membru għandhom jagħmlu dikjarazzjoni li tkun tirrigwarda l-għoti ta' servizzi involuti lil, u biex tiġi reġistrata minn, il-Kunsill rilevanti u jipproduċu lill-Kunsill rilevanti dawk id-dokumenti skond ma l-Kunsill rilevanti jista' jeħtieġ, qabel ma jingħataw is-servizzi li jinvolvu preżenza temporanja f'Malta:

Iżda din id-dikjarazzjoni tista', f'każijiet ta' urġenza, ssir kemm jista' jkun malajr wara li jkun ġie provdut s-servizz:

Iżda wkoll, meta l-Kunsill rilevanti jkun jeħtieġ li jinġiebu dokumenti, il-professjonist fil-kura medika involut għandu jipproduċi dawk id-dokumenti mhux aktar tard minn tnax-il xhar wara talba bħal din:

Iżda wkoll il-proċess ta' reġistrazzjoni taħt dan is-subartikolu ma għandux idewwem jew ikun ta' ostakolu għall-għoti ta' servizzi jew idaħħal il-professjonist fil-kura medika fi spejjeż oħra barra minn

dawk li jistgħu jkunu neċessarji għall-produzzjoni tad-dokumentazzjoni meħtieġa.

Dritt akkwiżit biex tiġi eżerċitata professjoni tal-kura medika.

43. (1) Ċittadin ta' Stat Membru li ma jikkwalifikax biex jikseb liċenza jew biex jiġi reġistrat biex jeżerċita xi professjoni tal-kura medika skond id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, minħabba f'li t-taħriġ li jwassal għall-kwalifika tiegħu ma jkunx ekwivalenti għal dak stipulat skond jew taħt dan l-Att, iżda li jkun eżerċita l-professjoni tal-kura medika f'xi qasam regolat ta' prattika għal perjodu ta' mill-anqas tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin preċedenti, fi Stat Membru, u jkollu posizzjoni professjonali tajba u jkollu l-jedd li jeżerċita fi Stat Membru, kif stabbilit mill-Kunsill rilevanti, għandu wkoll minkejja dan ikollu jedd li ismu jitniżżel fir-reġistru rilevanti.

Kap. 451.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) m'għandhomx japplikaw għal dawk il-professjonijiet li dwarhom jgħoddu l-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kawlifiki, jew kull regolament magħmul taħt dak l-Att.

Eżami ta' approvazzjonijiet barranin.

44. (1) Meta ċittadin ta' Stat Membru li ma jikkwalifikax biex jikseb liċenza biex jipprattika xi professjoni tal-kura medika skond l-artikoli 11, 12, 17, 23 u 24, iżda li jkollu d-diplomi, ċertifikati u kull prova oħra ta' kwalifiki formali li ġew rikonoxxuti fi Stat Membru japplika biex jiġi reġistrat taħt dan l-Att, il-Kunsill rilevanti għandu, flimkien ma' kull taħriġ li jsir u, jew esperjenza professjonali miksuba fi Stat Membru, jeżamina dawk id-diplomi, ċertifikati u kull prova oħra ta' kwalifiki formali, u għandu jiddeċiedi dwar dan mhux iżjed tard minn tliet xhur mill-ġurnata meta jirċievi t-talba jew mill-ġurnata meta tiġi ppreżentata d-dokumentazzjoni msemmija f'dan is-subartikolu, skond liema jiġi l-aktar tard, u għandu minnufih jgħarraf b'dan lill-applikant bil-posta reġistrata.

(2) Fil-każ li r-reġistrazzjoni tiġi miċħuda, il-Kunsill rilevanti għandu jagħti deċiżjoni motivata bil-miktub.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 49 li jirrigwardaw appell minn deċiżjoni ta' Kunsill għar-rigward ta' reġistrazzjoni ta' professjonist fil-kura medika għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis*.

TAQSIMA IX

DISPOSIZZJONIJIET MIXXELLANJI

Fondi tal-Kunsilli, eċċ.

45. Ir-Reġistratur ta' Kunsill jew tal-Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti għandu, taħt id-direzzjoni tal-Kunsill jew Kumitat rilevanti, jkun responsabbli għall-amministrazzjoni ta'

dawk il-fondi li l-Ministru jista' jagġmel disponibbli għall-Kunsill jew Kumitat, kif ikun il-każ, għall-għanijiet tiegħu, u għal dawk id-drittijiet li jistgħu jinġabru minnu.

Reġistri miftuħa għall-pubbliku.

46. Ir-reġistri kollha li jinżammu taħt dan l-Att għandhom jkunu miftuħa għall-ispezzjon mill-pubbliku f'kull ħin raġonevoli jew f'dawk il-ħinijiet li jistgħu jiġu preskritti.

Liċenza temporanja.

47. Il-President ta' Malta jista', bl-approvazzjoni tal-Ministru fuq parir tal-Kunsill rilevanti, joħroġ liċenza temporanja, għal perjodu ta' mhux iżjed minn sentejn, lil xi professjonist fil-kura medika li ma jkunx ċittadin ta' Malta jew ta' xi Stat Membru, u jista' jassoġġetta dik il-liċenza għal xi kondizzjoni li jista' jqis li tkun adatta.

Setgħat awtomatiċi tal-President ta' Malta.

48. (1) Meta l-President ta' Malta, li jaġixxi fuq il-parir tal-Ministru, jkun tal-fehma li xi Kunsill imwaqqaf taħt dan l-Att ikun naqas li jwettaq xi waħda mill-funzjonijiet mogħtija lilu jew imposti fuqu minn jew taħt dan l-Att, jew li jkun, fit-twettiq ta' dawn il-funzjonijiet, naqas milli jħares xi regolamenti li jkollhom x'jaqsmu ma' dan, huwa jista' jordna li ssir inkjesta dwar il-materja.

(2) Meta, bħala riżultat ta' inkjesta bħalma hemm imsemmija fis-subartikolu (1), jirriżulta li l-Kunsill in kwistjoni jkun naqas milli jwettaq xi waħda mill-funzjonijiet mogħtija lilu jew imposti fuqu minn jew taħt dan l-Att, jew ikun, fit-twettiq ta' dawn il-funzjonijiet, naqas milli jħares xi regolamenti li għandhom x'jaqsmu ma' dan, il-President ta' Malta, li jaġixxi fuq il-parir tal-Ministru, jista' jagħmel ordni fejn jiddikjara li l-Kunsill ikun naqas.

(3) Meta jsir ordni skond is-subartikolu (2) -

(a) il-membri tal-Kunsill li jiġi ddikjarat li naqas għandhom minnufih jivvakaw il-kariga tagħhom; u

(b) għandu jkun hemm provvediment biex jiġu maħtura tliet membri biex jaġixxu bħala Kunsill *pro tempore*.

(4) Il-Kunsill *pro tempore* maħtur skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) għandu jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(a) President li jkun avukat; u

(b) żewġ membri oħra minn fost professjonisti fil-kura medika, reġistrati mal-Kunsill rilevanti.

(5) Il-Kunsill *pro tempore* jeżerċita il-funzjonijiet kollha u jkollu s-setgħat kollha tal-Kunsill li jkun qiegħed jissostitwixxi.

(6) Mhux iżjed tard minn tliet xhur mill-ġurnata li ssir l-ordni taħt is-subartikolu (2), għandhom jiġu maħtura jew eletti, kif ikun il-każ, membri ġodda tal-Kunsill in kwistjoni, u l-Kunsill *pro tempore* għandu, meta jsiru dik il-ħatra u dik l-elezzjoni ta' membri ġodda tal-Kunsill, jiġi xolt.

Kumitat ta' l-Appelli.

49. (1) Ikun hemmn Kumitat ta' l-Appelli għall-professjonijiet tal-kura medika li jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(a) President nominat mill-Prim Ministru, minn fost professjonisti legali;

(b) ir-Rettur ta' l-Università ta' Malta, jew rappreżentant tiegħu;

(ċ) is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, jew rappreżentant tiegħu;

(d) membru wieħed maħtur mill-Prim Ministru minn fost professjonisti fil-kura medika, kif ġej:

(i) membru wieħed minn dawk il-professjonisti li huma regolati mill-Kunsill Mediku meta l-appell jirrigwarda membru ta' professjoni fil-kura medika li hi regolata minn dak il-Kunsill; jew

(ii) membru wieħed minn dawk il-professjonisti li huma regolati mill-Kunsill ta' l-Ispiżjara meta l-appell jirrigwarda membru ta' professjoni fil-kura medika li hi regolata minn dak il-Kunsill; jew

(iii) membru wieħed minn dawk il-professjonisti li huma regolati mill-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel meta l-appell jirrigwarda membru ta' professjoni fil-kura medika li hi regolata minn dak il-Kunsill; jew

(iv) membru wieħed minn dawk il-professjonisti li huma regolati mill-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina meta l-appell jirrigwarda membru ta' professjoni fil-kura medika li hi regolata minn dak il-Kunsill;

(e) membru wieħed elett minn u minn fost professjonisti fil-kura medika, kif ġej:

(i) membru wieħed minn dawk il-professjonisti li huma regolati mill-Kunsill Mediku meta l-appell

jirrigwarda membru ta' professjoni fil-kura medika li hi regolata minn dak il-Kunsill; jew

(ii) membru wieħed minn dawk il-professjonisti li huma regolati mill-Kunsill ta' l-Ispiżjara meta l-appell jirrigwarda membru ta' professjoni fil-kura medika li hi regolata minn dak il-Kunsill; jew

(iii) membru wieħed minn dawk il-professjonisti li huma regolati mill-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel meta l-appell jirrigwarda membru ta' professjoni fil-kura medika li hi regolata minn dak il-Kunsill; jew

(iv) membru wieħed minn dawk il-professjonisti li huma regolati mill-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina meta l-appell jirrigwarda membru ta' professjoni fil-kura medika li hi regolata minn dak il-Kunsill.

(2) Il-membri kollha tal-Kumitat ta' l-Appelli għandhom ikunu hekk maħtura jew eletti, kif ikun il-każ, għal perjodu ta' tliet snin u jistgħu jerġgħu jiġu maħtura jew eletti mill-ġdid għal perjodu jew perjodi ulterjuri.

(3) Il-Kumitat ta' l-Appelli jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) meta ssir applikazzjoni għaldaqstant mill-persuna involuta, li jisma' u jiddeċiedi dwar deċiżjoni tal-Kunsill rilevanti li biha tiġi miċħuda r-reġistrazzjoni ta' professjonist fil-kura medika fir-reġistru adatt;

(b) meta ssir applikazzjoni għaldaqstant mill-persuna involuta, li jisma' u jiddeċiedi dwar deċiżjoni tal-Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti rilevanti li biha jiġi miċħud l-għoti ta' ċertifikat ta' speċjalista lil professjonist fil-kura medika;

(ċ) meta ssir applikazzjoni għaldaqstant mill-persuna involuta, li tħoss ruħha aggravata min-nuqqas tal-Kunsill rilevanti li jiddeċiedi meta tkun saret applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fiż-żmien imsemmi fl-artikolu 42.

(4) Appell quddiem il-Kumitat ta' l-Appelli għandu jiġi ppreżentat fi żmien perentorju ta' għoxrin jum minn dik id-deċiżjoni.

(5) Il-Kumitat ta' l-Appelli għandu jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu.

(6) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-artikolu, il-Kumitat ta' l-Appelli jista' jaħtar esperti biex jirrelataw dwar kull kwistjoni quddiemu.

(7) Il-Kumitat ta' l-Appelli jkollu l-jedd jitlob li xi kunsill jew kumitat ta' approvazzjoni dwar speċjalisti informazzjoni dwar xi deċiżjoni li tkun qed tiġi investigata minnu u jista' jitlob lill-imsemmi kunsill jew kumitat jgħaddilu xi jew kull dokumentazzjoni li tkun tirrigwarda l-każ li jkun qed jiġi ttrattat u jkun id-dmir ta' l-imsemmi kunsill jew kumitat li jipprovdi l-informazzjoni u, jew id-dokumenti mitluba mingħajr dewmien.

(8) (a) Il-Kumitat ta' l-Appelli għandu s-setgħa li jikkonferma, jħassar jew jirrevoka b'kondizzjonijiet jew mingħajrhom, u li jissostitwixxi kull deċiżjoni meta jsir appell skond is-subartikolu (3)(a) jew (b).

(b) Meta il-Kumitat ta' l-Appelli jiddeċiedi favur l-appellant skond is-subartikolu (3)(ċ), jista' jew jipproċedi biex jiddeċiedi dwar ir-rikors hu stess, jew jordna li l-Kunsill rilevanti jiddeċiedi dwar ir-rikors f'dak iż-żmien li jqis raġonevoli, u fin-nuqqas ta' dan għandu jiddeċiedi dwar ir-rikors hu stess, u f'kull każ għandu jħejji rapport dwar dak li jkun instab lill-Ministru.

Votazzjoni bil-posta.

50. L-elezzjonijiet ta' membri għal Kunsill jew Kumitat stabbilit b'dan l-Att għandha ssir bil-posta, skond dawk il-proċeduri li jistgħu jiġu preskritti.

Setgħa għall-għemil ta' regolamenti.

51. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għall-aħjar amministrazzjoni ta' dan l-Att u għall-aħjar implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet tiegħu, u b'mod partikolari jista' b'dawk ir-regolamenti:

(a) jippreskrivi l-ħtiġiet għall-kwalifika biex jiddaħħal l-isem ta' persuna f'xi reġistru stabbilit skond jew taħt dan l-Att, b'żieda jew minflok il-kwalifiki stabbiliti b'dan l-Att;

(b) jistabbilixxi wara konsultazzjoni mal-Kunsill konċernat id-drittijiet li jistgħu jiġu mposti minn Kunsill dwar l-ewwel reġistrazzjoni ta' l-isem ta' persuna f'reġistru, kif ukoll dawk id-drittijiet annwali u perjodiċi li għandhom jitħallsu biex dak l-isem jinżamm fir-reġistru;

(ċ) jistabbilixxi regoli ta' proċedura li għandhom jiġu segwiti minn Kunsilli biex jiġi żgurat smigħ ġust u sewwa f'xi proċedura kontra professjonist fil-kura medika li tinżamm skond it-Taqsima VII ta' dan l-Att;

(d) jawtorizza Kunsill li jħejji dawk il-linji gwida lil professjonisti fil-kura medika regolati minnu dwar dawk il-materji li għandhom x'jaqsmu mal-professjoni fil-kura medika in kwistjoni, kif jista' jiġi deċiż;

(e) jħassar, jemenda jew jissostitwixxi kull Skeda (minbarra l-Ewwel Skeda) li tinsab ma' dan l-Att;

(f) jippreskrivi l-mod li bih kull elezzjoni, li għandha ssir għall-finijiet ta' dan l-Att, għandha tinżamm;

(g) jippreskrivi kull ħaġa li għandha tiġi preskritta jew tista' tiġi preskritta skond dan l-Att; u

(h) jippreskrivi dawk il-professjonijiet li jinħtiegu liċenza sabiex jiġu pprattikati.

(2) Qabel ma jsir xi regolament taħt is-subartikolu (1), il-Ministru għandu jikkonsulta ma', u jitlob il-parir ta', il-Kunsill rilevanti.

TAQSIMA X

THASSIR, RISERVI U DISPOSIZZJONIJIET OĦRA

Thassir u riserva.

52. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull ma jista' jkun sar taħthom u mingħajr ħsara għas-subartikolu (2), l-artikoli 20 sa 23, 29 sa 37, 46 u 48 sa 49 u t-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa, u l-artikoli 1 sa 12, 18 sa 21, 50 sa 87A, 105 sa 118 u 124 ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha huma b'dan imħassra.

Kap. 94.

Kap. 31.

(2) Ebda ħaġa fis-subartikolu (1) ma għandha tolqot il-jedd ta' xi membru ta' professjoni regolata taħt dan l-Att u li diġà jkollu liċenza u, jew hu regolat taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli mħassra b'dan l-artikolu, li jkompli jeżerċita l-professjoni tiegħu u għal dan l-għan:

(a) kull ħaġa li saret mill-Kunsill Mediku taħt id-disposizzjonijiet imħassra b'dan l-Att għar-rigward tar-reġistrazzjoni ta' tobba, kirurgi dentali u dentisti għandha tkompli jkollha seħħ bħallikieku mwettqa mill-Kunsill Mediku mwaqqaf skond dan l-Att;

(b) kull ħaġa li saret mill-Bord dwar l-Ispiżjara taħt id-disposizzjonijiet imħassra b'dan l-Att għar-rigward tar-reġistrazzjoni ta' spiżjara u *pharmacy technicians* għandha

tkompli jkollha seħħ bħallikieku mwettqa mill-Kunsill ta' l-Ispiżjara mwaqqaf skond dan l-Att;

(ċ) kull ħaġa li saret mill-Bord ta' l-Infermiera u l-Qwiebel taħt id-disposizzjonijiet imħassra b'dan l-Att għar-rigward tar-reġistrazzjoni ta' infermieri u qwiebel għandha tkompli jkollha seħħ bħallikieku mwettqa mill-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel mwaqqaf skond dan l-Att;

(d) kull ħaġa li saret mill-Bord dwar il-Professjonijiet Supplimentari għall-Mediċina taħt id-disposizzjonijiet imħassra b'dan l-Att għar-rigward tar-reġistrazzjoni ta' professjonisti fil-kura medika msemmija f'dik l-Ordinanza għandha tkompli jkollha seħħ bħallikieku mwettqa mill-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina mwaqqaf skond dan l-Att.

Disposizzjonijiet transitorji.

53. (1) Kull persuna li, qabel il-bidu fis-seħħ tat-Taqsima rilevanti ta' dan l-Att kellha *warrant* jew kienet mod ieħor awtorizzata permezz ta' reġistrazzjoni jew sħubija li teżerċita professjoni fil-kura medika titqies li tkun kwalifikata biex tkun reġistrata fir-reġistru adatt taħt dan l-Att u, fejn ikun hekk xieraq, li jkollha l-liċenza relattiva.

(2) Il-Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti, wara konsultazzjoni mas-soċjetà ta' speċjalisti rilevanti u, jew l-assoċjazzjoni ta' professjonisti rilevanti, għandu jakkredita bħala li għandu l-kwalifiki għar-reġistrazzjoni fir-reġistru ta' speċjalisti adatt, kull professjonist fil-kura medika li, qabel il-bidu fis-seħħ tat-Taqsima rilevanti ta' dan l-Att, ikun ipprattika bħala speċjalista għas-sodisfazzjon tal-Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti rilevanti.

(3) Il-Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti rilevanti għandu jakkredita bħala li għandu l-kwalifiki meħtieġa kull professjonist fil-kura medika li, qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, kellu kariga mal-Gvern fil-livell ta' konsulent jew reġistratur anzjan fi sptar jew klinika tal-gvern.

(4) Għandha tingħata konsiderazzjoni għal kull taħriġ speċjalizzat li jkun twettaq qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att jew kull taħriġ speċjalizzat li jkun qed jitwettaq meta dan l-Att jiġi fis-seħħ għall-għanijiet tal-kalkolu tal-perjodu ta' taħriġ skond dan l-Att mill-Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti rilevanti u l-professjonist fil-kura medika jkollu, mal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, l-għażla li jkompli dak it-taħriġ speċjalizzat biex jiġi akkreditat minn dak il-kumitat skond is-sistema li tkun fis-seħħ minnifih qabel il-bidu

fis-seħħ ta' dan l-Att.

(5) Il-Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti għall-Ispiżjara għandu jakkredita bħala li għandu l-kwalifiki meħtieġa biex jitniżżel fir-reġistru rilevanti kull spiżjar li jkun eżerċita għal mill-inqas tliet snin konsekuttivi fl-aħħar ħames snin qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, f'area speċjalizzata tal-farmaċija.

(6) Għall-finijiet ta' l-ewwel ħatra jew elezzjoni ta' membri ta' xi Kunsill stabbilit b'dan l-Att, professjonisti fil-kura medika li, minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, kienu qegħdin leġittimament jeżerċitaw il-professjoni tagħhom f'Malta jkunu eliġibbli biex jinħatru, joħorġu għall-elezzjoni u jivvotaw f'dawk l-elezzjonijiet.

Riferenza f'liġijiet oħra.

54. Kull riferenza f'xi liġi oħra għal xi disposizzjoni mħassra bl-artikolu 52 għandha, meta dan ikun japplika, tinqara u tiftiehem bħala riferenza għal dan l-Att jew għad-disposizzjoni korrispondenti tiegħu, skond il-każ.

L-EWWEL SKEDA

Regoli ta' Proċedura u regoli oħra dwar Kunsilli u Kumitati għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti

Reġistratur.

1. Kull Kunsill ikollu reġistratur li jiun uffiċjal pubbliku nominat għal dak il-għan mill-Ministru.

Votazzjoni.

2. Kull membru ta' Kunsill minbarra l-President ikun intitolat għal vot wieħed.

Il-President ikollu vot deċisiv.

3. Il-President ta' Kunsill ikun intitolat li jivvota f'każ ta' voti indaqs biss.

Il-President għandu vot f'inkjesti.

4. Minkejja d-disposizzjonijiet tar-regola preċedenti, il-President ikoluu kemm vot oriġinali kif ukoll vot deċisiv f'inkjesti li jsiru għall-finijiet ta' l-artikolu 32 ta' l-Att.

Żmien ta' kariga tal-President.

5. Il-President ta' Kunsill jinħatar għal perjodu ta' tliet snin.

Membri oħra.

6. Il-membri l-oħra ta' Kunsill, kemm jekk maħtua jew eletti, jibqgħu fil-kariga għal tliet snin:

Iżda l-Prim Ministru jista' jtemm il-ħatra ta' dak il-membru tal-Kunsill jekk tinġieb prova li huwa jkun inkapaċi li jwettaq il-funzjonijiet tal-kariga tiegħu bħala membru minħabba f'imġieba ħażina bil-provi jew minħabba f'inkapaċità bil-provi (sew jekk minħabba f'inkapaċità tal-ġisem jew tal-moħħ sew minħabba xi kawża oħra).

Il-President jew membru jistgħu jirreżenjaw.

7. Il-President u l-membri l-oħra ta' Kunsill jistgħu jirreżenjaw mill-kariga tagħhom qabel l-iskadenza tal-perjodu tal-kariga b'ittra bil-miktub (fil-każ tal-President indirizzata lill-Prim Ministru, u fil-każ tal-membri l-oħra indirizzata lill-President).

Kif jimtlew il-vakanzi.

8. Meta għal xi raġuni jkun hemm vakanza f'xi Kunsill, fil-każ ta' membru maħtur għandu jiġi maħrur membru ieħor biex jimla l-vakanza, u fil-każ ta' membru elett għandha tinżamm elezzjoni, f'kull każ fi żmien xahar mill-ġurnata meta tiġri dik il-vakanza. Il-membru ħekk maħtur jew elett jiġi maħtur jew elett għaż-żmien li jkun fadal fil-kariga tal-membru li jkun qed jiġi mibdul.

Il-membri jistgħu jerġgħu jiġu maħtura jew eletti.

9. Il-membri kollha ta' Kunsill jistgħu jerġgħu jiġu maħtura jew joħrorġu għall-elezzjoni wara li jintemm iż-żmien tal-kariga tagħhom.

Skwalifika minn sħubija f'Kumitat.

10. Dawn li ġejjin jkunu skwalifikati milli jkunu membri ta' Kunsill:

(a) membri tal-Kamra tad-Deputati;

(b) dawk il-membri anzjani tat-Taqsima tas-Saħħa kif jista' jiġi preskritt:

Iżda din l-iskwalifika ma għandhiex tgħodd rigward dawk il-membri anzjani li jkollhom kariga *ex officio* jew li s-sħubija tagħhom f'Kunsill hi xort'oħra provduta f'dan l-Att; jew

(ċ) uffiċjali (kif definit fl-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali) ta' *trade union* . Kap. 452.

Kunsilli jistgħu jaġixxu minkejja vakanzi.

11. Il-Kunsilli jistgħu jaġixxu minkejja xi vakanza sakemm ikun hemm *quorum* preżenti.

Assenza tal-President.

12. Fin-nuqqas tal-President ta' Kunsill il-membri l-oħra għandhom jeleġġu persuna biex tippresjedi fil-laqgħa minn fosthom; din il-persuna ikollha kemm il-vot oriġinali tagħha kif ukoll vot deċisiv.

Quorum.

13. *Quorum* f'laqgħa tal-Kunsill ikun nofs il-membri tiegħu u membru wieħed aktar.

Il-Kunsilli jiltaqgħu darba fix-xahar.

14. Kull Kunsill għandu jiltaqa' mill-anqas darba fix-xahar.

Membri assenti.

15. Membru ta' Kunsill li jkun assenti minn tliet laqgħat konsekuttivi mingħajr raġuni valida u mingħajr ma jagħti avviż ta' dawn ir-raġunijiet għal din l-assenza bil-miktub lill-President tal-Kunsill qabel jew kemm jista' jkun malajr wara l-laqgħa għandu jiġi dikjarat mill-Kunsill bħala li jkun rriżenja u ma jkunx eliġibbli li jerġa' jiġi maħtur jew elett qabel ma tgħaddi sena minn dik id-dikjarazzjoni.

Applikabilità tar-regoli għal Kumitati għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti.

16. Id-disposizzjonijiet tar-regoli ta' hawn qabel, minbarra r-regola 14, japplikaw, *mutatis mutandis*, għall-Kumitati għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti.

Il-Kumitati għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti jiltaqgħu kull meta jkun meħtieġ.

17. Il-Kumitati għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti għandhom jiltaqgħu kull meta jkun meħtieġ, u f'kull każ mhux aktar tard minn xahar wara li tiġi riċevuta applikazzjoni minn persuna għal ċertifikat li juri li dik il-persuna għandha l-kwalifiki biex tiġi reġistrata bħala speċjalista.

A 1308

IT-TIENI SKEDA

(Artikoli 11, 12, 17, 23, 24 u 29)

TAQSIMA I a

Kwalifiki bażiċi fil-mediċina

Pajjiż	Titolu tal-kwalifika	Korp li jassenja	Ċertifikat anness mal-kwalifika
Belgique/België/ Belgien	- Diploma van arts - Diplôme de docteur en médecine	1. De universiteiten/les universités 2. De bevoegde Examencommissie van de Vlaamse Gemeenschap/le Jury compétent d'enseignement de la Communauté française	
Danmark	Bevis for bestået lægevidenskabelig embedseksamen	Medicinsk universitetsfakultet	1. Autorisation som læge, udstedt af Sundhedsstyrelsen og 2. Tilladelse til selvstændigt virke som læge (dokumentation for gennemført praktisk uddannelse), udstedt af Sundhedsstyrelsen
Deutschland	1. Zeugnis über die Ärztliche Prüfung 2. Zeugnis über die Ärztliche Staatsprüfung und Zeugnis über die Vorbereitungszeit als Medizinalassistent, soweit diese nach den deutschen Rechtsvorschriften noch für den Abschluss der ärztlichen Ausbildung vorgesehen war	Zuständige Behörden	1. Bescheinigung über die Ableistung der Tätigkeit als Arzt im Praktikum 2. -
	Πτυχίο Ιατρικής	1) Ιατρική Σχολή Πανεπιστημίου 2) Σχολή Επιστημών Υγείας, Τμήμα Ιατρικής Πανεπιστημίου	
España	Título de Licenciado en Medicina y Cirugía	Ministerio de Educación y Cultura/El rector de una Universidad	
France	Diplôme d'Etat de docteur en médecine	Universités	
Ireland	Primary qualification	Competent examining body	Certificate of experience
Italia	Diploma di laurea in medicina e chirurgia	Università	Diploma di abilitazione all'esercizio della medicina e chirurgia
Luxembourg	Diplôme d'Etat de docteur en médecine, chirurgie et accouchements	Jury d'examen d'Etat	Certificat de stage
Nederland	Getuigschrift van met goed gevolg afgelegd artsexamen	Faculteit Geneeskunde	

Pajjiż	Titolu tal-kwalifika	Korp li jassenja	Ċertifikat anness mal-kwalifika
Österreich	1. Urkunde über die Verleihung des akademischen Grades Doktor der gesamten Heilkunde (bzw. Doctor medicinae universae, Dr.med.univ.) 2. Diplom über die spezifische Ausbildung zum Arzt für Allgemeinmedizin bzw. Facharztdiplom	1. Medizinische Fakultät einer Universität 2. Österreichische Ärztekammer	
Portugal	Carta de Curso de licenciatura em medicina	Universidades	Diploma comprovativo da conclusão do internato geral emitido pelo Ministério da Saúde
Suomi/Finland	Lääketieteen lisensiaatin tutkinto / medicine licentiatexamen	1. Helsingin yliopisto / Helsingfors universitet 2. Kuopion yliopisto 3. Oulun yliopisto 4. Tampereen yliopisto 5. Turun yliopisto	Todistus lääkärin perusterveydenhuollon lisäkoulutuksesta / examensbevis om tilläggsutbildning för läkare inom primärvården
Sverige	Läkarexamen	Universitet	Bevis om praktisk utbildning som utfärdas av Socialstyrelsen
United Kingdom	Primary qualification	Competent examining body	Certificate of experience

A 1310

TAQSIMA I b

Kwalifiki fil-mediċina speċjalizzata

Pajjiż	Titolu tal-kwalifika	Korp li jassenja	Ċertifikat anness mal-kwalifika
Belgique/België/ Belgien	Bijzondere beroepstitel van geneesheer-specialist/Titre professionnel particulier de médecin spécialiste	Minister bevoegd voor Volksgezondheid/ Ministre de la Santé publique	
Danmark	Bevis for tilladelse til at betegne sig som speciallæge	Sundhedsstyrelsen	
Deutschland	Fachärztliche Anerkennung	Countryesärztekammer	
Ελλάς	Τίτλος Ιατρικής Ειδικότητας	1. Νομαρχιακή Αυτοδιοίκηση 2. Νομαρχία	
España	Título de Especialista	Ministerio de Educación y Cultura	
France	1. Certificat d'études spéciales de médecine 2. Attestation de médecin spécialiste qualifié 3. Certificat d'études spéciales de médecine 4. Diplôme d'études spécialisées ou spécialisation complémentaire qualifiante de médecine	1. 3. 4. Universités 2. Conseil de l'Ordre des médecins	
Ireland	Certificate of Specialist doctor	Competent authority	
Italia	Diploma di medico specialista	Università	
Luxembourg	Certificat de médecin spécialiste	Ministre de la Santé publique	
Nederland	Bewijs van inschrijving in een Specialistenregister	1. Medisch Specialisten Registratie Commissie (MSRC) van de Koninklijke Nederlandsche Maatschappij tot Bevordering der Geneeskunst 2. Sociaal-Geneeskundigen Registratie Commissie van de Koninklijke Nederlandsche Maatschappij tot Bevordering der Geneeskunst 3. Huisarts en Verpleeghuisarts Registratie Commissie (HVRC) van de Koninklijke Nederlandsche Maatschappij tot Bevordering der Geneeskunst	
Österreich	Facharztdiplom	Österreichische Ärztekammer	
Portugal	1. Grau de assistente e/ou 2. Titulo de especialista	1. Ministério da Saúde 2. Ordem dos Médicos	
Suomi/Finland	Erikoislääkärin tutkinto / specialläkarexamen	1. Helsingin yliopisto / Helsingfors universitet 2. Kuopion yliopisto 3. Oulun yliopisto 4. Tampereen yliopisto 5. Turun yliopisto	
Sverige	Bevis om specialkompetens som läkare, utfärdat av Socialstyrelsen	Socialstyrelsen	
United Kingdom	Certificate of Completion of specialist training	Competent authority	

TAQSIMA I ċ

Titoli ta' korsijiet ta' taħriġ fil-mediċina speċjalizzata

Pajjiż	Titolu tal-kwalifika	Korp li jassenja
	anesteżija	
	L-anqas tul tal-kors ta' taħriġ: 3 snin	
Belgique/België/Belgien	Anesthésie-réanimation/Anesthesie reanimatie	
Danmark	Anæstesiologi	
Deutschland	Anästhesiologie	
Ελλάς	Αναισθησιολογία	
España	Anestesiología y Reanimación	
France	Anesthésiologie-Réanimation chirurgicale	
Ireland	Anaesthesia	
Italia	Anestesia e rianimazione	
Luxembourg	Anesthésie-réanimation	
Nederland	Anesthesiologie	
Österreich	Anästhesiologie und Intensivmedizin	
Portugal	Anestesiologia	
Suomi/Finland	Anestesiologia ja tehohoito / anestesiologi och intensivvård	
Sverige	Anestesi och intensivvård	
United Kingdom	Anaesthetics	

Pajjiż	Titolu tal-kwalifika	Korp li jassenja
	kirurġija ġenerali	
	L-anqas tul tal-kors ta' taħriġ: 5 snin	
Belgique/België/Belgien	Chirurgie/heelkunde	
Danmark	Kirurgi eller kirurgiske sygdomme	
Deutschland	Chirurgie	
Ελλάς	Χειρουργική	
España	Cirugía general y del aparato digestivo	
France	Chirurgie générale	
Ireland	General surgery	
Italia	Chirurgia generale	
Luxembourg	Chirurgie générale	
Nederland	Heelkunde	
Österreich	Chirurgie	
Portugal	Cirurgia geral	
Suomi/Finland	Yleiskirurgia / allmän kirurgi	
Sverige	Kirurgi	
United Kingdom	General surgery	

Pajjiż	Titolu tal-kwalifika	Korp li jassenja
	newrokirurġija	
	L-anqas tul tal-kors ta' taħriġ: 5 snin	
Belgique/België/Belgien	Neurochirurgie	
Danmark	Neurokirurgi eller kirurgiske nervesygdomme	
Deutschland	Neurochirurgie	
Ελλάς	Νευροχειρουργική	
España	Neurocirugía	
France	Neurochirurgie	
Ireland	Neurological surgery	
Italia	Chirurgia generale	
Luxembourg	Neurochirurgie	
Nederland	Neurochirurgie	
Österreich	Neurochirurgie	
Portugal	Neurocirurgia	
Suomi/Finland	Neurokirurgia / Neurokirurgi	
Sverige	Neurokirurgi	
United Kingdom	Neurosurgery	

Pajjiż	Titolu tal-kwalifika	Korp li jassenja
	ostetriċja u ġinekoloġija	
	L-anqas tul tal-kors ta' taħriġ: 4 snin	
Belgique/België/Belgien	Gynécologie - obstétrique/gynaecologie en verloskunde	
Danmark	Gynækologi og obstetrik eller kvindesygdomme og fødselshjælp	
Deutschland	Frauenheilkunde und Geburtshilfe	
Ελλάς	Μαιευτική-Γυναικολογία	
España	Obstetricia y ginecología	
France	Gynécologie- obstétrique	
Ireland	Obstetrics and gynaecology	
Italia	Ginecologia e ostetricia	
Luxembourg	Gynécologie - obstétrique	
Nederland	Verloskunde en gynaecologie	
Österreich	Frauenheilkunde und Geburtshilfe	
Portugal	Ginecologia e obstetrícia	
Suomi/Finland	Naistentaudit ja synnytykset / kvinnosjukdomar och förlossningar	
Sverige	Obstetrik och gynekologi	
United Kingdom	Obstetrics and gynaecology	

Pajjiż	Titolu tal-kwalifika	Korp li jassenja
	mediċina ġenerali	
	L-anqas tul tal-kors ta' taħriġ: 5 snin	
Belgique/België/Belgien	Médecine interne/inwendige geneeskunde	
Danmark	Intern medicin	
Deutschland	Innere Medizin	
Ελλάς	Παθολογία	
España	Medicina interna	
France	Médecine interne	
Ireland	General medicine	
Italia	Medicina interna	
Luxembourg	Médecine interne	
Nederland	Inwendige geneeskunde	
Österreich	Innere Medizin	
Portugal	Medicina interna	
Suomi/Finland	Sisätaudit / inre medicin	
Sverige	Internmedicin	
United Kingdom	General (internal) medicine	

Pajjiż	Titolu tal-kwalifika	Korp li jassenja
	oftalmoloġija	
	L-anqas tul tal-kors ta' taħriġ: 3 snin	
Belgique/België/Belgien	Ophtalmologie/oftalmologie	
Danmark	Oftalmologi eller øjensygdomme	
Deutschland	Augenheilkunde	
Ελλάς	Οφθαλμολογία	
España	Oftalmología	
France	Ophtalmologie	
Ireland	Ophthalmology	
Italia	Oftalmologia	
Luxembourg	Ophtalmologie	
Nederland	Oogheelkunde	
Österreich	Augenheilkunde und Optometrie	
Portugal	Oftalmologia	
Suomi/Finland	Silmätaudit / ögonsjukdomar	
Sverige	Ögonsjukdomar (oftalmologi)	
United Kingdom	Ophthalmology	

Pajjiż	Titolu tal-kwalifika	Korp li jassenja
	otorinolaringoloġija	
	L-anqas tul tal-kors ta' taħriġ: 3 snin	
Belgique/België/Belgien	Oto-rhino-laryngologie/ otorhinolaryngologie	
Danmark	Oto-rhino-laryngologi eller øre-næse-halssygdomme	
Deutschland	Hals-Nase-Ohrenheilkunde	
Ελλάς	Ωτορινολαρυγγολογία	
España	Otorrinolaringología	
France	Oto-rhino-laryngologie	
Ireland	Otolaryngology	
Italia	Otorinolaringoiatria	
Luxembourg	Oto-rhino-laryngologie	
Nederland	keel-, neus- en oorheelkunde	
Österreich	Hals-, Nase- und Ohrenkrankheiten	
Portugal	Otorrinolaringologia	
Suomi/Finland	Korva-, nenä- ja kurkkutaudit / öron-, näs- och halssjukdomar	
Sverige	Öron-, näs- och halssjukdomar (oto-rhino-laryngologi)	
United Kingdom	Otolaryngology	

Pajjiż	Titolu tal-kwalifika	Korp li jassenja
	pedjatrija	
	L-anqas tul tal-kors ta' taħriġ: 4 snin	
Belgique/België/Belgien	Pédiatrie/pediatrie	
Danmark	Pædiatri eller sygdomme hos børn	
Deutschland	Kinderheilkunde	
Ελλάς	Παιδιατρική	
España	Pediatría sus áreas específicas	
France	Pédiatrie	
Ireland	Paediatrics	
Italia	Pédiatria	
Luxembourg	Pédiatrie	
Nederland	Kindergeneeskunde	
Österreich	Kinder- und Jugendheilkunde	
Portugal	Pediatria	
Suomi/Finland	Lastentaudit / barnsjukdomar	
Sverige	Barn- och ungdomsmedicin	
United Kingdom	Paediatrics	

Pajjiż	Titolu tal-kwalifika	Korp li jassenja
	mediċina respiratorja	
	L-anqas tul tal-kors ta' taħriġ: 4 snin	
Belgique/België/Belgien	Pneumologie	
Danmark	Medicinske lungesygdomme	
Deutschland	Pneumologie	
Ελλάς	Φυματιολογία- Πνευμονολογία	
España	Neumología	
France	Pneumologie	
Ireland	Respiratory medicine	
Italia	Malattie dell'apparato respiratorio	
Luxembourg	Pneumologie	
Nederland	Longziekten en tuberculose	
Österreich	Lungenkrankheiten	
Portugal	Pneumologia	
Suomi/Finland	Keuhkosairaudet ja allergologia / lungsjukdomar och allergologi	
Sverige	Lungsjukdomar (pneumologi)	
United Kingdom	Respiratory medicine	

Pajjiż	Titolu tal-kwalifika	Korp li jassenja
	uroloġija	
	L-anqas tul tal-kors ta' taħriġ: 5 snin	
Belgique/België/Belgien	Urologie	
Danmark	Urologi eller urinvejenes kirurgiske sygdomme	
Deutschland	Urologie	
Ελλάς	Ουρολογία	
España	Urología	
France	Urologie	
Ireland	Urology	
